# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 30 ta' Jannar 2025

**Rik. Gur. Nru.: 6/2020 JPG**

**Kawza Nru: 16**

**MG**

**Vs**

**BG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' MG datat 10 ta' Jannar 2020 a fol 1 et seqq. li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti izzewgu nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Mejju tas-sena dsaghtax disgha u disghin (28.05.1999); u ghandhom tlett (3) ulied, NG li ghandha X sena u KG u DG li ghandhom Y snin;*

2. *Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibli minhabba abbuz, vjolenza, eccessi, minaccji, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra, validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skont il-Ligi, bi htija imputabbli unikament lill-konvenut;*

3. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 11 ta' Dicembru 2019 (Dok. A);*

4. *Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni ghar-ragunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza domestika, abbuz, theddid, ingurji gravi, servizzi u minaccji li r-rendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibli;*

2. *Tordna li l-konvenut jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur, ai termini ta' l- Artikolu/I 154 tal-Kodici Civili, u dan fl-interess suprem tal-minuri;*

3. *Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri KG u DG ahwa G f'idejn l-esponenti; u sabiex tiehu kwalunkwe decizjonijiet relatati mal-hrug tal-passaporti, mas-safar, mas-sahha, u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri; u li taghti dawk il-provedimenti ohra xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri fl-ahjar interess taghha;*

4. *Tiffissa u tillikwida ammont agwedat ta' manteniment ghall-esponenti u ghat-tlett ulied minuri, inkluz l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri, li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti ghall-imsemmija minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax (18) –il sena jekk tieqaf mill-iskola u tibda tahdem full-time, jew sa tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri tiddecidi li tibqa' tistudja; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju*

*jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li jkun qed jippercepixxi l-konvenut, u jigu depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja u li l-esponenti tircievi kwalunkwe beneficcji tat-tfal, inkluz imma mhux limitatament, ic-children's allowance, fl-intier taghhom;*

5. *Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' sahha, hrug tal-passaporti, u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm tkun ghadha qed tistudja, inkluz spejjez relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Fin-nuqqas, li dawn l-ispejjez kollha jkunu riflessi fl-ammont ta' manteniment;*

6. *Tordna lill-konvenut ihallas l-arrettrati ta' manteninent u/jew ta' spejjez kollha ohra relatati mal-minuri lill-esponenti, inkluz u mhux limitament l-ispejjez relatati mas-sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurikulari tal-minuri; u dan skont il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet li jidrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti;*

7. *Taghti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri DGu KG ahwa G,  fosthom, izda mhux limitament, dwar kif ghadu jigi regolat is-safar u l-hrug tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-passaport ghandu jinzammu mill-esponenti; kif ukoll dwar l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi ohra u extra-kurrikulari; u dan taht kull provediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti;*

8. *Tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta a favur l-esponenti, u jekk din l-Onorabbli Qorti thoss il-htiega, din l-Ordni tigi estiza a favur tal-ulied NG, DGu KG ahwa G, u kwalunkwe persuna ohra;*

9. *Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi mantenimet minghand l-esponenti;*

10. *Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lil-konvenut, u dan okkorendo b' opera ta' perit nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jipprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

11. *Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobli dotali u/jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/jew parafernali taghha jew kwalunkwe kreditu iehor, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.*

12. *Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l- att ta' divizjoni relattiva f'jum, hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

13. *Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikoli 48 et. Seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

14. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tghix fid-dar matrimonjali R, ad eskluzjoni tal-konvenut;*

15. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha 'C';*

*16. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' BG datata 23 ta' Jannar 2020 a fol 11 et seqq. li jaqra hekk:

1.*Illi fl-ewwel lok, u dan a rigward* ***tal-ewwel talba tar-rikorrenti attrici****, l-intimat jirrileva illi huwa jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali minn ma' martu r-rikorrenti attrici MG u dan, stante li z-zwieg taghhom illum il-gurnata tkisser b'mod irrimedjabbli, pero jissottometti, u dan kif se jirrizulta ahjar waqt is-smiegh ta' dan il-kawza, illi z-zwieg taghhom ma tkissirx tort tieghu u dan peress illi mhuwiex minnu illi huwa rrenda ruhu hati ta' eccessi, mohqrija, theddid, vjolenza u offizi gravi, kif sottomess mill-attrici fir-Rikors Guramentat taghha. Filfatt, kienet ir-rikorrenti stess li kissret iz-zwieg u dan minhabba adulterju, eccessi u servizzi kontra l-intimat.*

*Illi ghalhekk l-intimat jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt illi* ***TILQA' in parte l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti****, billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom,* ***TICHAD il-bqija tat-talba taghha, it-tieni (2) talba*** *u* ***TICHAD it-tlettax (13) TALBA*** *sabiex tiddikjara illi z-zwieg taghhom tkisser tort tieghu, u konsegwement* ***TIDDIKJARA*** *illi ma hemmx data x'tistabilixxi ai termini ta' l- Artikolu 48 (1) (c) tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-intimat ma hux hati tat-tkissir taz-zwieg, u ghalhekk huwa umilment jissottometti illi ebda wahda mis-sanzjonijiet ravvizati fil-Kodici Civili, senjatament l-Artikoli 48, 51 sa 55, kif indikati minn l-attrici, ma ghandhom ikunu applikati kontra tieghu. Illi jigi anzi ravvizat u dan kif se jirrizulta ahjar fil-kontro-talba anzi illi tali sanzjonijiet ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-attrici MG .*

*2. Illi l-intimat jissottometti ulterjorment illi stante' illi huwa jaqbel illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu, huwa jaqbel ukoll illi din l-Onorabbli Qorti* ***TIPPRONUNZJA*** *l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn il-partijiet, u ghalhekk qed jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha* ***TORDNA*** *lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz- zwieg tal-partijiet biex dawn jigu eventwalment registrati fir-Registru Pubbliku;*

*3.Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha* ***TICHAD it-tielet (3) talba tar-rikorrenti,*** *u dan peress illi ma hemmx ragunijiet validi fil-ligi ghalfejn il-kura u l-kustodja tal-ulied minuri taghhom ghandha tkun fdata esklussivament f'ideja liema kura u kustodja ghandha tkun kongunta pero din il-Qorti ghandha* ***TORDNA*** *illi l-minuri ghandhom jirrisjedu mal-omm. Illi inoltre l-esponenti jirrileva illi kwalunkwe decizjoni ordinarja relatata ma' sahha u edukazzjoni tst-tfal minuri ghandhom jittiehdu unikament mir-rikorrenti attrici izda dawk id-decizjonijiet straordinarji u important kemm relatati ma' sahha u kemm ma' edukazzjoni tat-tfal ghandhom jittiehdu konguntivament miz-zewg partijiet.*

*4.Illi l-intimat jirrileva illi huwa ghandu jigi koncess dritt ta' access versu uliedu, u ghalhekk l-intimat umilment jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha* ***TAKKORDALU*** *access xieraq versu uliedu.*

*5. Illi a* ***rigward tar-raba' (4) talba tar-rikorrenti****, l-intimat jissottometti illi din ghandha tigi milquha limitatament, u dan fis-sens illi din l-Onorabbli ghandha* ***TORDNALU*** *li jhallas retta alimentarja xierqa lil martu l-attrici biss versu uliedu minuri,* ***pero'*** *dan l-ammont ta' mantenimenti ghandu jkun ffissat tenut kont kemm tal-bzonnijiet tal-minuri uliedu, kif ukoll tal-mezzi finanzjarji tal-intimat. Illi in kwantu l-manteniment versu martu r-rikorrenti l-intimat jissottometti illi huwa ma ghandux jkun ordnat jivversa ebda retta alimentarja lil martu, u dan ghal diversi ragunijiet, illi se jirrizultaw mis-smiegh tal-provi prodotti, fosthom illi hija ddekaddiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minhabba li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, servizzi u eccessu kif ukoll*

*peress illi ghandha impjieg fiss registrat. Illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha* ***TICHAD il-bqija tar-raba' (4) talba attrici.***

6. *Illi inoltre l-esponenti jirrileva illi fir-rigward* ***tal-hames (5) u s-sitt (6) talba*** *u cioe' fir-rigward tal-ispejjez fil-konfront ta' uliedu minuri dawn ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet u ghalhekk kalunkwe spejjez inkorsi ghandhom jigu mhallsa konguntivament u mhux mill esponenti* ***biss.***

7. *Illi inoltre r-rikorrenti jissottometti illi huwa bl-ebda mod ma ddekada minn kwalsiasi dritt illi jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti attrici.*

8. *Illi r-rikorrenti intimat ma ghandu ebda propjeta' dotali jew parafernali appartenenti lill-attrici u ghalhekk huwa ma ghandu jkun ordnat jikkonsenjala xejn. Isegi ghalhekk illi, hija diga' ghandha l-piena amministrazzjoni ta' dawn l-oggetti. Ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti ghandha* ***TICHAD il-hdax (11) talba*** *attrici wkoll. Illi l-attrici ma ghandha ebda krediti parafernali kontra l-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk ma hemm xejn x'jigi likwidat jew kwalifikat minn din l-Onorabbli Qorti.*

9. *Illi r-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt illi* ***TILQA' l-ghaxar (10) talba attrici*** *in parte u cioe' billi filwaqt illi* ***TIDDIKJARA*** *l-komunjoni tal-akkwisti xorta, u* ***TILLIKWIDA*** *l-istess f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali, in vista tal-fatt illi l-attrici kienet il-kagun tat-tkissir taz-zwieg,* ***TICHAD*** *fejn ir-rikorrenti qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha sabiex tapplika kontra l-konvenut id-dispozizjonijiet ta' l-Artiklu 48 (1) (c) tal-Kodici Civili liema dispozizzjonijiet ghandhom japplikaw anzi fil-konfront tal-attrici.*

10. *Illi fl-umli fehma tar-rikorrenti intimat, f'dan il-kaz, la hemm in-necessita' tan-nomina ta' Nutar sabiex jippubblika xi atti relattivi, u lanqas tan-nomina ta' Kuraturi Deputati, u ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex* ***TICHAD it-talba attrici enumerata tnax (12)****.*

11. ***Illi a rigward tat-tmien (8) talba attrici***, *ir-rikorrenti intimat jitlob lil din l-Onorabbli Qorti* ***TICHAD*** *t-talba hekk kif dedotta.*

12. ***Illi a rigward tal-erbatax -il (14) talba attrici***, *ir-rikorrenti intimat jitlob lil din l-Onorabbli Qorti* ***TICHAD*** *t-talba hekk kif dedotta.*

13. ***Illi a rigward tas-seba' (7) talba attrici,*** *ir-rikorrenti intimat m'ghandux oggezzjoni fir-rigward tat-talba hekk kif dedotta.*

14. ***Illi a rigward tal-hmistax-il (15) talba attrici,*** *ir-rikorrenti intimat m'ghandux oggezzjoni fir-rigward tat-talba hekk kif dedotta.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-intimat BG datata 23 ta' Jannar 2020 a fol 15 li taqra hekk:

1. *Illi l-intimat jaqbel illi jkun hemm separazzjoni personali minn ma' martu r-rikorrenti, u dan peress illi z-zwieg taghhhom illum il-gurnata tkisser irrimedjabilment u fil-fatt il-partjiet qeghdin jghixu f'residenzi separati u ghalhekk prezentament huma separati de facto;*

2. *Illi pero huwa jichad u jirrispingi l-allegazzjonijiet kollha taghha f'dak li huma r-ragunijiet li wasslu ghat-tkissir taz-zwieg taghhom anzi jinsisti illi huwa torta tal-attrici illi tali zwieg tkisser bejniethom;*

3. *Illi huwa jaqbel ukoll illi ghandu jigi ffisat manteniment versu uliedu minuri, pagabbli minnu u dan tenut kont tal-mezzi finanzjarji tieghu, u apparti wkoll li jigi akkordat access xieraq versu uliedu minuri;*

4. *Illi huwa jaqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, tigi xolta u likwidata, u diviza f'porzjonijiet bejniethom skont il-ligi pero minghajr ma huwa jigi punit skond id-dispozizjonijiet prevvisti fil-Kodici Civili, u dawn fil-fatt dawn ghandhom jigi applikati fil-konfront ta' martu;*

Rat il-Kontro-Talba ta' BG rikonvenzjonant datata 23 ta' Jannar 2023, a Fol 18 et seqq, li taqra hekk:

1. *ILLI l-kontendenti zzewgu nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elf u disgha u disghin (1999);*
2. *ILLI minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tlett (3) itfal u cioe' NG li ghandha X sena, KG li ghandha ghaxar Y snin u DGli ghandu Y snin ukoll;*
3. *ILLI r-rikorrenti rikonvenzjonata rrendiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibli, inter alia permezz ta' adulterju, servizzi, theddid, vjolenza fizika, vjolenza psikologika, u eccessi fil-konfront tal-istess intimat rikonvenzjonanti, liema ragunijiet kienu l-kawza tat-tkissir taz-zwieg taghhom, b'mod irrimedjabbli, ghalhekk b'tort uniku tal-istess rikorrent rikonvenzjonata;*
4. *ILLI l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu tal-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja;*

***Ghaldaqstant*** *l-esponenti qieghed, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:*

*i)* ***TIDDIKJARA u TIPPRONUNZJA*** *s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u <u>esklussivament imputabbli lill-intimata rikonvenzjonata MG</u> kif fuq spjegat, u konsegwentement* ***TAWTORIZZA*** *lir-rikorrenti rikonvenzjonanti jghix separatament minn ma' martu;*

*ii)* ***TORDNA*** *illi l-kura u kustodja tal-minuri uliedhom tkun fdata f'idejn il-kontendenti konguntivament bejniethom;*

*iii)* ***TAKKORDA*** *lill-konvenzjonanti BG access xieraq versu uliedu minuri, u dan skond kif din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq fl-interess suprem ta' l-istess minuri,* ***TORDNA*** *lill-konvenzjonanti BG sabiex ihallas dik ir-retta alimentarja favur uliedu minuri liema ammont ta' manteniment ghandu jkun ffissat tenut kont kemm tal-bzonnijiet tal-minuri uliedu, kif ukoll tal-mezzi finanzjarji tal-intimat u* ***TORDNA*** *illi z-zewg partijiet konguntivament ihallsu nofs l-ispejjez medici u edukattivi nkorsi minnhom a favur ta' uliedhom minuri.*

iv) ***TAPPLIKA*** *kontra r-rikonvenzjonata l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 et seq. tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li hija titlef kull dritt li tiret lill-zewgha r-rikonvenzjonant.*

v) ***IXXOLJI U TILLIKWIDA*** *l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li r-rikonvenzjonata hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali, u* ***TASSENJA*** *porzjon lir-rikonvenzjonanti u porzjon lir-rikonvenzjonata ope sententiam, filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza, u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

vi) ***TIKKUNDANNA*** *lir-rikonvenzjonata sabiex tirrestitwixxi lir-rikonvenzjonant l-beni kollha dotali u/jew parafernali tieghu, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti, u fin-nuqqas li r-rikonvenzjonata taghmel dan,* ***TIKKUNDANNAHA*** *thallas lir-rikonvenzjonanti dik is-somma li ghandha tigi likwidata, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti;*

vii) ***TAGHTI*** *kull provvediment iehor xieraq u opportun.*

***Bl-ispejjez*** *inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili u tal-Medjazzjoni kontra r-rikonvenzjonata, li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ghall-Kontro Talba ta' MG datata 7 ta' Frar 2020, a fol 25 et seqq. li jaqra hekk:

*Tesponi umilment u bil-ġurament tikkonferma illi:*

1. *Preliminarjament, fir-rigward l-ewwel talba, l-esponenti tirrileva illi hija taqbel mal-konvenut rikonvenzjonanti għat-talba tas-separazzjoni personali u ghat-talba li tghixu separatament minn xulxin iżda dawn mhux għar-raġunijiet premessi minnu stante illi l-ħtija għandha tiġi attribwita unikament lill-konvenut rikonvenzjonanti, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

   *Għalhekk, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti in kwantu jimputaw xi tort lill-eċċipjenti għal ksur tal-ħajja miżżewġa huma infondati fil-fatt u fid-dritt u*

*għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, u a kuntrarju huwa l-konvenut rikonvenzjonanti li għandu jinstab ħati tal-firda tal-kontendenti minħabba li naqas milli jottempora ruħu mal-obbligi matrimonjali; u huwa wkoll hu ħati ta' vjolenza, sevizzi, inġurji, minaċċji, theddid u offiżi gravi fost affarijiet oħra, li rrendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli; u dan ai termini tal-Artikoli 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tikkontesta b'mod assolut it-tieni talba stante illi hija dejjem ħadet ħsieb għall-bżonnijiet tal-istess minuri li sal-lum dejjem għexu u rresjedu mal-esponenti u dejjem kienet il-ġenitur responsabbli ghalihom u l-konvenut rikonvenzjonanti anke kien aggressiv fil-konfront tagħha u tal-minuri diversi drabi. Għalhekk, l-esponenti tikkontendi li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tiġi fdata esklussivament f'idejha stante li hija ghandha l-ahjar interess tal-minuri u titlob li hija tiġi awtorizzata tiehu d-decizjonijiet kollha rigwardanti l-minuri;*

3. *Tikkontesta b'mod assolut it-tielet talba stante li l-konvenut rikonvenzjonanti kemm il-darba kien vjolenti fil-konfront tal-istess minuri, li huma wkoll xhieda ta' vjolenza domestika fil-konfront tal-esponenti. Illi filfatt hemm proċeduri kriminali kontra l-konvenut rikonvenzjonanti li qed jiġi akkużat li kien vjolenti fil-konfront ta' uliedu;*

   *In kwantu ghat-tieni parti tat-tielet talba, l-esponenti taqbel mal-konvenut rikonvenzjonanti li huwa ghandu jhallas retta alimentarja favur uliedu, liema retta alimentari ghandha tinkludi l-ispejjez kollha mediċi, edukattivi u anke dawk extra-kurrikulari tat-tfal.*

4. *Tikkontesta r-raba talba stante illi l-esponenti bl-ebda mod m'għandha tbagħti xi nuqqas jew tiġi imposta xi sanzjonijiet minn sehemha debitament hekk dovut, u dan għaliex kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-konvenut rikonvenzjonanti huwa unikament ħati għat-tifrik taż-żwieġ bejn il-kontendenti. Illi in oltre, a kuntrarju ta' dak allegat mill-konvenut rikonvenzjonanti u kif ser jiġi hekk ippruvat, huwa l-konvenut rikonvenzjonanti illi ddekada mid-drittijiet stipulati fil-Kodiċi Ċivili għar-raġunijiet imsemmija;*

5. *Taqbel parzjalment mal-hames talba tal-konvenut rikonvenzjonanti, stante illi l-istess kommunjoni tal-akkwisti għandha tiġi likwidata iżda bla ebda mod l-esponenti m'għandha tbagħti xi nuqqassijiet jew tiġi imposta xi sanzjonijiet minn sehemha debitament hekk dovut fil-likwidazzjoni tal-istess kommunjoni tal-akkwisti,*

6. *Tiċħad bl-aktar mod kategoriku is-sitt talba stante illi hija m'għandha l-ebda beni u krediti parafernali tal-konvenut rikonvenzjonanti fil-pussess tagħha. Fi kwalunkwe każ, għandu jkun l-konvenut rikonvenzjonanti li jipprova l-eżistenza ta' tali beni u krediti parafernali; u jekk l-eżistenza ta' tali assi parafernali tiġi ppruvata mir-rikorrenti, kwalunkwe frott tal-istess beni jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili;*

7. *Taqbel mas-seba talba tal-konvenut rikonvenzjonant;*

8. *Illi l-esponent topponi għall-ispejjeż kollha tal-kawża odjerna.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut rikonvenzjonanti, inkluż tal-Ittri ta' Medjazzjoni u tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 27/2019, li hu nġunt minn issa għas-subbizzjoni.*

Rat id-digriet tagha tas-6 ta' Dicembru 2019 li permezz tieghu fdat il-kura u kustodja tal-minuri DGu KG esklussivament f'idejn l-attrici u ordnat li r-residenza tal-istess minuri tkun mal-omm salv ghall-access that supervizjoni tal-missier ma' iben il-partijiet. Permezz tal-istess digriet, l-intimat kien gie ordnat ihallas l-ammont ta' sitt mija u hamsin euro (€650) bhala manteniment ghat-tliet ulied tieghu liema ammont kellu jithallas kull erba' gimghat. Il-konvenut gie ordnat ukoll jghaddi kopja tac-cavetta tal-garaxx adjacenti mad-dar matrimonjali lill-attrici.

Rat ir-rikors tal-konvenut li gie pprezentat fit-23 ta' Jannar 2020 li permezz tieghu talab il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Rat illi l-attrici oggezzjonat ghal tali talba stante

l-istadju bikri li fih tresqet tali talba. Madanakollu fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2020, **l-attrici rtirat tali oggezzjoni**. **Ghalhekk din il-Qorti ghaddiet sabiex taghti sentenza in parte nhar il-25 ta' Novembru 2020 li permezz taghha laqghet it-talba tal-intimat u ordnat l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti bejn il-partijiet.**

Rat illi waqt is-seduta tat-2 ta' Novembru 2020, akkoljiet ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-Agenzija Appogg fuq l-access taht supervizjoni tal-missier. Fid-dawl ta' dan ir-rapport, il-Qorti ziedet l-access tal-missier ghall-ulied sabiex gie kull nhar ta' Erbgha bejn il-5pm u s-7pm u s-Sibt bejn l-11am u s-1pm. Fir-rapport taghhom, il-Haddiema Socjali indikaw andament pozittiv tal-access that supervizjoni. Gie rraportat li l-missier kien dejjem puntwali u jikkopera mal-haddiema waqt l-access tieghu ghall-minuri Dean, filwaqt li l-minuri dejjem wera li qed igawdi l-hin ma' missieru.

Il-Qorti rat illi fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2021, il-partijiet qablu li t-tifla l-kbira taghhom kienet qieghda tahdem fuq bazi *full-time* u ghalhekk il-manteniment dovut mill-intimat ghall-bzonnijiet tal-minuri gie ridott ghall-ammont ta' erba' mija u hamsin euro (€450) liema manteniment jinkludi wkoll sehem l-intimat mill-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni.

Il-Qorti rat illi fis-seduta tat-28 t'Ottubru 2021 din il-Qorti ordnat illi l-missier ikollu access ghall-iben il-partijiet b'dan li jkun inkluz *sleepover* u ghalhekk irrevokat l-access taht supervizjoni. *Di piu'* din il-Qorti ordnat li jkun hemm sospensjoni temporanja tal-Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-missier sabiex l-istess missier ikun jista' jattendi l-Grizma tal-minuri u l-prova tal-istess okkazjoni. Din il-Qorti issolecitat ukoll li t-tifla tal-partijiet tinghata ghajnuna psikologika sabiex ikun hemm avvicinament mall-missier.

Il-Qorti rat id-digriet taghha tat-22 ta' Marzu 2022 li permezz tieghu cahdet talba li resqet l-attrici sabiex il-manteniment tal-konvenut ghall-ulied jigi awmentat, kif ukoll sabiex ihallas ammont pretiz mill-attrici relatat mal-grizma tat-tfal. Min-naha l-ohra permezz tal-istess digriet, din il-Qorti laqghet it-talba tal-attrici li tibda tircievi hi l-kontijiet tal-utilitajiet tad-dar matrimonjali b'dan li fil-mori tal-proceduri l-arlogg tad-dawl u l-ilma kellu jithalla fuq isem il-konvenut.

Il-Qorti rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Mejju 2022 li permezz tieghu cahdet it-talbiet li ressaq il-konvenut sabiex jinstema’ l-minuri DG u sussegwentement tordna li l-istess minuri jibda jabita mal-konvenut. Ic-cahda ta’ dawn it-talbiet kienet motivata bil-fatt li din il-Qorti rat li l-missier kien qieghed jipprova jixtri lill-minuri b’rigali sproporzjonati, li kien qed jghalmu jigdeb lill-ommu u lill-ghalliema tieghu biex jiehu li jrid, u li l-missier baqa’ ma werix interess f’bintu tewmija ma’ Dean. Din il-Qorti ma qisetx li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li jigi separat minn hutu u dan wara li l-istess minuri kien diga sofra s-separazzjoni tal-genituri tieghu.

Din il-Qorti rat illi waqt is-seduta tat-8 ta’ Gunju 2022 gie stabbilit li l-fond matrimonjali huwa propjeta’ parafernali tal-intimat izda li l-attrici qieghda tirrisjedi fih flimkien ma’ ulied il-partijiet stante li hemm Ordni ta’ Protezzjoni li kellha tintemm f’Novembru 2022. Din il-Qorti ghalhekk ordnat illi l-attrici u ulied il-partijiet jibqghu jirrisjedu fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta’ kwalsiasi persuna li mhix membru tal-familja salv ghal xi tfal hbieb ta’ ulied il-partijiet li jkunu mistiedna ghal *sleepover*.

Wara x-xhieda tal-intimat in subizzjoni fis-seduta tat-8 ta’ Gunju 2022, din il-Qorti ordnat li jkun hemm access ta’ darba fil-gimgha ghall-minuri KG. Il-Qorti rat li dawn is-sessjonijiet bdew regolarment izda f’Awissu 2022 dahal rapport mill-Haddiema Socjali li dawn is-sessjonijiet ma kienux qed jilhqu l-ghan taghhom. Ghalhekk din il-Qorti, fis-seduta tas-26 t’Ottubru 2022, laqghet ir-rakkomandazzjonijiet tal-Haddiema Socjali pprezentati fl-istess rapport (fol. 478). B’hekk l-access taht supervizjoni waqaf izda l-minuri kellhom jinghataw ghajnuna psikologika minn servizz alternattiv taht l-istess Direttorat. Il-Qorti fliet ir-rapport rilaxxat mill-Haddiema Socjali fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datat 9 ta’ Novembru 2022 fejn il-Qorti giet infurmatha li l-access that supervizjoni kien twaqqaf minhabba li l-omm kienet ghamlet kuntatt mal-Agenzija ta’ Kana u kienet giet provduta b’servizz ta’ terapija. Il-Qorti tinnota li l-omm hadet din id-decizjoni unilateralment.

Il-Qorti rat illi fis-seduta tat-12 ta’ Jannar 2023 gie ezaminat ir-rapport tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal tal-10 ta’ Jannar 2023 fejn il-Haddiema Socjali nfurmat lill-Qorti li kien hemm zvelar, waqt is-sessjonijiet ta’ terapija, li l-minuri DGkien qed ikun aggressiv lejn il-membri l-ohra tal-familja tieghu u l-probabbilta’ hija li din l-imgieba kienet minhabba li kien ra l-vjolenza meta kien izghar. L-omm u l-ulied il-bniet kienu qed jigu segwiti mis-servizz tal-Vjolenza Domestika. Ir-rakkomandazzjoni tal-

professjonista kienet li l-missier jattendi kors kontra l-aggressivita' maghruf bhala STOP. Il-konvenut missier iddikjara waqt l-istess seduta li ma kellux oggezzjoni li jattendi ghal dan il-kors.

Il-Qorti rat illi l-konvenut intavolat talba sabiex din il-Qorti tisma' lill-minuri DG permezz tal-*videoconferencing* liema talba tresqet fl-14 ta' Gunju 2023 u rat id-digriet taghha tal-31 ta' Lulju 2023 li permezz tieghu astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba stante dak degretat fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2023. Fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2023, din il-Qorti ordnat lill-intimat jimpjega lil terza persuna sabiex tkun responsabbli mill-kura u l-ghalf tal-annimali fl-ghalqa biswit id-dar matrimonjali u li l-intimat kellu jibqa' jhallas l-ispejjez u l-impjieg ta' din il-persuna. Fir-rigward tat-talba, l-omm esprimiet li ma kellhix oggezzjoni izda ssuggeriet li dan isir wara li l-Qorti tisma' lill-professjonisti li qed jahdmu mal-minuri. Din il-Qorti provdiet li ser tkun qed tikkunsidra tisma' lill-minuri wara li tisma' lill-konvenut jiddeponi kif ukoll lill-professjonisti msemmija.

**Din il-Qorti rat illi fis-seduta tal-25 t'Ottubru 2023 gie vverbalizzat ftehim illi l-minuri iben il-partijiet kien qieghed jirrisjedi mal-intimat missier mill-1 ta' Lulju 2023**.

**Din il-Qorti semghet lill-minuri DG in camera fl-10 ta' Lulju 2024** wara li l-partijiet awtorizzaw lil din il-Qorti taghmel dan minghajr pretensjoni tal-kopja tax-xhieda tal-minuri jew tan-notamenti tal-Qorti dwar ix-xhieda tal-minuri liema dikjarazzjoni saret waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju 2024.

Semghet x-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

***<u>Il-Verzjoni tal-Attrici u l-Provi Mresqa Minnha:</u>***

L-attrici xehdet permezz ta’ affidavit, debitament mahluf nhar it-2 ta’ Novembru 2020 (fol. 39 et seq.). Tghid illi l-kontendenti kienu zzewgu wara madwar sena u nofs u l-hajja taghhom qabel it-tfal kienet wahda ta’ kuntentezza. Dak iz-zmien l-intimat kien ikollu hafna xi jghid ma’ missieru u l-attrici tirrakkonta li darba anke kien ghamel arma tan-nar ma’ ras missieru. Tghid li hi kienet involutha f’korijiet differenti izda darba l-intimat kien qaghad jistenniha barra u beda jghajjat ghaliex kellu jsahhan l-ikel hu ghalhekk kienet qatghet minn kull kor.

Tirrakkonta li l-intimat kien beda jqatta’ hafna hin fil-garaxx ma’ shabu wara li kellhom lill-ewwel wild taghhom u meta darba bghattitlu messagg biex jitla’ hdejha, kien ghamel xenata u qaleb il-borma tal-istuffat li kellha lest. Incident iehor kien li kien habat bil-karozza u ghax ma bedix jaqbel mas-socjeta tal-assikurazzjoni tieghu, kien mar fl-ufficju taghhom u kien aggressiv tant li kien tressaq quddiem Qorti ta’ gurisdizzjoni kriminali.

L-attrici tghid illi r-relazzjoni tal-partijiet marret ghall-aghar wara t-twelid tat-twemin taghhom. Kien jinkorla jekk kienet tghidlu biex imur jghinha u tirrakonta incident fejn beda jaqleb l-affarijiet fil-kamra tas-sodda ghax ghalih kienet qed itelfu mill-hin maz-ziemel. Tghid li l-maggor parti tal-argumenti ta’ bejniethom kienu minhabba l-annimali u cjoe ghax l-intimat kien jippretendi li hi tghalef l-annimali wara li hu jkun telaq ghax-xoghol mentri hi ma kientx tlahhaq taghmel dan.

L-attrici tghid li l-intimat baqa’ jkollu argumenti ma’ missieru tant li kien hemm darba fejn kien aggressiv u wegga’ lill-ommu u lill-missieru b’mod gravi u kellhom jintervjenu l-Pulizija madanakollu l-genituri tieghu kienu hafrulu. Wara li miet missieru, l-attrici tghid li l-glied bejniethom zdied sostanzjalment minhabba li n-nervi li kien qabel jinfexx ma’ missieru, kien issa beda jinfexx maghha u mat-tifla l-kbira taghhom. Saret okkurrenza frekwenti li meta xi haga kienet tigi bil-kontra, kien jaqbad jghajjat u jsabbat, jidghaj u jghajjar.

Meta l-intimat ma kienx ikollu xoghol relatat ma' funerali, kien jew johrog bit-taxi bil-lejl u allura kien ikun irid jorqod filghodu, jew kien johrog jixrob sew ma' shabu bil-lejl. Tant kien hadha drawwa li jorqod mal-gurnata li kien ghamel sodda gewwa l-istalla. Wara xi sakra sew, l-intimat kien jaghmel jumejn b'nuccali iswed u jippretendi li ma jkunx hemm ghajjat u storbju gewwa d-dar.

L-attrici tghid li meta kienet tkun qed tnaddaflu t-taxi, kienet issib boroz bi trab abjad u flixken bil-pinnoli fil-vettura. Beda anke jrembel u jpejjep il-haxixa fid-dar. Kienu johorgu ma' grupp ta' hbieb li skont l-attrici kienu nies sew, imma peress li ma kellhomx tfal kienu jkunu jridu johorgu fit-tul - li ghall-partijiet ma kienetx possibbli minhabba t-tfal. L-attrici bdiet tinnota li l-intimat qishu xtaq jghix hajja minghajr irbit ta' familja u kien anke beda jahbi minnha u bdiet tarah li kien jaghmel kollox b'mod sfurzat maghhom.

L-attrici tixhed illi maz-zmien mit-tghajjir, l-intimat beda jerfa' jdejh ukoll. Lit-tifla l-kbira tal-partijiet kien jghajjarha daqs kemm kien jghajjar lill-attrici. Kien jaqbadhom minn xagharhom, kemm lill-attrici kif ukoll lill-ulied il-bniet. Tghid li kien jerfa' jdejh fuqha anke jekk ma tkunx trid ikollha x'taqsam mieghu. L-intimat kien jghidilha li kellu mara Russa u li kien se jgibha f'darhom. Darb'ohra kien kecciha 'l barra mid-dar ghax ma ridetx ikollha x'taqsam mieghu.

L-attrici tirrakonta kif darba bdiet tghaggilha qalbha imma meta gie t-tabib, kien qalilhom li kien kollox sew. L-intimat kien issuspetta hazin fiha u cjoe li kienet hadet xi drogi u kien kecciha 'l barra. Kienet maret ghand il-girien taghha u kien biss wara li kien gie jkelmu personalment it-tabib li l-intimat kien accettaha lura d-dar.

Tirrakonta li darba kienu organizzaw ikla barra d-dar, kien hemm wiehed ragel li waqaf isaqsih jekk it-tifla l-kbira kienetx gharusa lil certu kok. Wara l-intimat kien qabad jaghti bil-ponn lit-tifla talli kellu jsir jaf minghand in-nies u lill-attrici talli pprovat twaqqfu. Dakinhar anke l-girien kellhom jintervjenu. Tghid li l-bniet soffrew abbuz fiziku taht missierhom imma mhux it-tifel. It-tifel ra ghajjat, dagha u storbju izda l-intimat qatt ma miss lit-tifel.

Tirrakonta li l-ahhar incident li kien inqala' kien ghax kien sabha rieqda. Hu kien kaxkarha minn xagharha mis-sodda sas-sufan fejn kien qabad itiha bil-ponn. Kien

kecciha 'l barra u marret ghand ommu u ohtu. Dakinhar kienet marret l-isptar fejn inzammet ghall-osservazzjoni u kienu sejhu lill-Pulizija u lil Haddiema Socjali. Ma kienetx marret id-dar sakemm bdiet tircievi messaggi minghand bint il-partijiet li kien ser isiefer bihom. Hija marret ghall-uliedha izda l-attur riedha tmur tirtirha r-rapport sabiex ihalliha tara lit-tfal. Dakinhar l-intimat kien gie arrestat u tressaq fuq vjolenza domestika. Kienet inharget Ordni ta' Protezzjoni kontra l-intimat u dan kien beda jirrisjedi ghand ommu.

L-attrici tirrakonta kif l-intimat diversi drabi refgha jdejh fuq bintu l-kbira u weggagha. Darba kien qasmilha xoffitha, darba kien ikkawzalha *black eye*. Lit-tifla KG kien anke taha daqqa ta' sieq go darha.

L-attrici xehdet li wara li fethet il-proceduri ta' medjazzjoni, l-intimat ghamel sena ma jhallasx manteniment ghall-uliedu. Lanqas meta hareg id-digriet ta' din il-Qorti li ordnatlu jhallas manteniment, ma beda jhallas. F'Mejju 2020 oht l-intimat kienet baghtet lill-attrici ghad-dettalji bankarji sabiex il-manteniment thalsu hi minfloku. L-attrici tghid li hi tahdem *care agent* u taqla' seba' euro u hamsin centezmu fis-siegha (€7.50) li jammontaw ghall- paga ta' madwar elf u mitejn euro (€1200) fix-xahar qabel it-taxxa.

Peress li l-attrici kien tghin lill-intimat fil-karti u l-kontijiet tax-xoghol tieghu, taf ezatt x'idahhal l-intimat. Hija taghti rendikont tad-dhul tal-intimat u cjoe:

| | |
|---|---|
| €300/400 | Mis-servizz tat-taxi |
| €500 | Kirja tat-taxi filghodu |
| €1300 - €2500 | Servizz ta' funerali |
| €70 | Servizz ta' *undertaker* |

L-attrici tghid illi d-dar matrimonjali u l-garaxx kienu akkwistawhom minghand missier l-intimat b'donazzjoni waqt iz-zwieg. Hija taghti rendikont tal-proprjeta' li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet u li ghalhekk trid tigi likwidata u diviza permezz ta' din is-sentenza.

Fis-27 ta' Settembru 2021, l-attrici ezebiet fl-atti tal-kawza sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 16 ta' Frar 2021. Din is-sentenza tittratta l-incident

fejn l-intimat hebb ghal martu u kkagunalha feriti ta' natura hafifa kif giet iccertifikata mit-tabib gewwa l-Isptart Mater Dei. Gie wkoll akkuzat li bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-martu u liz-zewg uliedu l-bniet l-biza' li ser tintuza' l-vjolenza kontrihom. Il-Qorti tal-Appell irrimarkat li l-intimat kellu passat ta' aggressivita' u li ma kien tghallem xejn mill-passat tieghu, anzi kien ittrasferixxa l-istess aggressivita' ghal fuq il-membri tal-familja tieghu. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn kienet sabet lill-imputat hati u kkundannatu disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax (18)-il xahar. Ikkonfermat ukoll l-Ordnri ta' Trazzin u l-Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-intimat.

L-attrici xehdet quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2023 dwar incident li kien gara fil-gurnata precedenti. Tghid illi wara li waslu mill-iskola, it-tifel qabad jaghmel l-ikel u ohtu riditu jaghmillha porzjon ghaliha; ghax irrifjuta, hi offendietu. It-tifel nizel ghaliha u bdew jghatu. L-attrici dahlet bejniethom u ferqithom. Hi u bintha nizlu fil-kamra tas-sodda taghhom u t-tifel beda gej fil-kamra jwaddab l-affarijiet ta' ohtu. Kien hemm hafna glied u tisbit bejniethom. Wara t-tifla telqet passiggata biex tikkalma u l-attrici telghet fejn it-tifel fejn sabitu jkisser l-ghamara u jeqleb is-siggijiet. Hu qabad sikkina u ghamilha m'ghonqu ghax kien xeba' jghix hemm. Wara nizel u ghadt fuq il-mobile fuq is-sodda. Sadanittant l-attrici rceviet messagg minghand it-tifla li ma kienetx sejra lura d-dar ghaliex kienet irceviet messaggi minghand huha li hu u misserhom kienu se joqtluha. L-attrici marret taghmel rapport l-ghassa u l-Pulizija akkumpanjawha d-dar fejn sabu lill-minuri jghalef l-annimali. X'hin ra l-Pulizija, il-minuri gie aggressiv tant li l-Pulizija qalu lill-attrici biex tidhol gewwa halli jikkalmawh huma. Wara kien hemm infermier li qalilha li kellhom bzonn jehduh l-isptar Mater Dei ghaliex kien qal li dak li kien ghamel qabel, kien ser jerga' jaghmlu.

L-attrici kompliet tixhed li fix-xhur ta' qabel kellha taghmel rikors minhabba li l-imgieba tal-minuri kienet dejjem sejra lura. Waqt li kienet villegjatura, kienet titla' d-dar biex it-tifel jghalef l-annimali u kienet ta' sikwit issib lill-konvenut l-ghelieqi li ghandhom mad-dar. Minn tlett izwiemel u ftit tigieg, spiccaw b'hafna aktar annimali – u dan minghajr ebda permess minghandha. Kien hemm incident iehor fejn il-minuri hareg ma' shabu u bghatilha messagg li kien qattgha l-hwejjeg izda meta giet biex tahsillu l-istess hwejjeg indunat li kien tahhom in-nar u mhux carrathom.

L-attrici xehdet li l-minuri tilef l-interess ghall-iskola ghaliex kien mghobbi bil-bzonnijiet tal-annimali bhal li jaghlifhom u jtihom il-medicini. L-attrici cemplet lil tas-sanita' stante li kien hemm hafna hmieg tal-annimali u kienu qed jithallew minghajr ilma izda ma haduhix bis-serjeta'. Xehdet li t-tifel gieli ma jghalifx tant li kien hemm annimali li mietulu u ghamlu l-granet mejtin hemm hekk.

Sabiex tikkorroborra l-verzjoni taghha, l-attrii resqet is-segwenti provi:

1) *Kopja tal-kuntratti ta' komprovendita*
   a. Kopja tal-kuntratt tal-akkwist ta' kamra gewwa z-Zurrieg datat 4 ta' Marzu 2007 in atti tan-Nutar Dr Malcolm Mangion (fol. 54)
   b. Kopja tal-kuntratt tal-akkwist ta' bicca art u cjoe l-ghalqa li l-attrici tirreferi ghaliha fl-affidavit taghha li tinsab faccata tad-dar matrimonjali tal-partijiet, datat 20 ta' Dicembru 2001 fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Mangion (fol. 63).

2) *L-affidavit ta' Robert Macdonald in rapprezentanza ta' Argus Insurance Company (Europe) Limited* (fol. 89 et seq.) li ezebixxa rendikont tal-poloz ta' assikurazzjoni li l-partijiet ghandhom mas-socjeta' rapprezentata mix-xhud (fol. 91). Dan ir-rendikont juri li l-intimat BG fid-data tax-xhieda kellu ghaxar (10) vetturi registrati fuqu b'poloz ta' assigurazzjoni differenti. Kopja tal-poloz tal-assikurazzjoni ghal kull vettura giet ezebita mix-xhud kif gej:

| | | |
|---|---|---|
| Mercedes Benz | MGY-024 | Fol. 92 |
| Kia | LTY-013 | Fol. 96 |
| Mercedes Benz | JIM-191 | Fol. 100 |
| Hearse | HRS-005 | Fol. 104 |
| Peugeot 508 | HLY-031 | Fol. 110 |
| Peugeot 308 | FLY-039 | Fol. 117 |
| Peugeot Partner | ELY-038 | Fol. 124 |
| Kia Ceed | NA | Fol. 129 |
| Kia Ceed | BLY-071 | Fol. 135 |
| Peugeot 307 | ANT-860 | Fol. 141 |

3) *Ix-xhieda ta' Dr Patrizia Salerno, in rappreżentanza tal-APS Bank Malta p.l.c.,* (fol. 2 kaxxa). Ix-xhud ezebiet rendikont tal-kont bankarju ntestat f'isem l-attrici li nfetah fis-sena 2019 u li kellu bilanc minimu taht l-ghaxar (10) euro.

4) *Ix-xhieda ta' Lorraine Attard, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta p.l.c.,* (fol. 3 et seq. kaxxa). Ix-xhud ezebiet rendikont ta' kont intestat f'isem l-attrici li juri bilanc li matul is-snin bejn l-2014 u 2019 tela' biss bi ftit permezz tal-interessi. Dan il-kont inghalaq fis-sena 2019. Ezebiet ukoll rendikont ta' kont kongunt bejn il-partijiet li bejn l-2014 u l-2019 baqa' b'bilanc ta' zewg euro u tlieta u tletin centezmu (€2.33). Rendikont iehor ta' kont kongunt juri li bejn Ottubru 2014 u Jannar 2018, dan il-kont baqa' bl-istess bilanc ta' sitt mija u tlett euro (€603). Dan il-kont inghalaq f'Jannar 2019.

5) *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali,* (fol. 38 kaxxa) fejn ix-xhud ezebixxa rendikont tal-beneficcji socjali li nghataw lill-partijiet. Lill-intimat inghata beneficcju socjali waqt il-pandemija tal-COVID-19 kif ukoll beneficcju relatat ma' mard. Lill-attrici nghata beneficcju socjali relatat mat-tfal.

6) *Ix-xhieda ta' Joseph Saliba, in rapprezentanza tal-Jobsplus,* (fol. 40 kaxxa). Ix-xhud ezebixxa rendikont tal-impjieg tal-partijiet.

7) *Ix-xhieda ta' Stephen Cachia, in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Transport,* (fol. 44 kaxxa) li ezebixxa rendikont tal-vetturi registrati fuq il-partijiet. Fuq l-attrici tidher li kienet registrata l-vettura Mercedes Benz. Fuq il-konvenut jidhru registrati ghaxar (10) vetturi u tnejn (2) li huma ggaraxxjati.

8) *Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c.,* (fol. 95 kaxxa). Ix-xhud ezebiet rendikont ta' tlettax (13)-il kont jew facilita kif isegwi:

   a. Kont bankarju intestat f'isem l-attrici ghan-nom tal-minuri NG (fol 95) li f'Dicembru 2019 kellu bilanc ta' tlett mija tnejn u sittin euro (€368).
   b. Kont bankarju intestat f'isem l-attrici ghan-nom tal-minuri KG (fol 96) li f'Dicembru 2019 kellu bilanc ta' elf seba' mija u wiehed u ghoxrin euro (€1721).

c. Kont bankarju intestat f'isem l-attrici ghan-nom tal-minuri DG (fol 97) li f'Dicembru 2019 kellu bilanc ta' elf seba' mija u wiehed u ghoxrin euro (€1721).

d. Kont bankarju intestat f'isem l-attrici (fol 98) li fih kienu jithalsu l-beneficcji socjali relatati mat-tfal, kif ukoll pagamenti minn Michael Debono Limited li kien wiehed mill-impjiegi tal-attrici anke qabel il-bidu tal-proceduri odjerni.

e. Facilita' tal-Visa ntestata f'isem l-attrici (fol. 146)

f. Kont tat-tfaddil intestat f'isem l-attrici li nfetah f'Awissu 2019 u li fih jithallas il-manteniment tal-minuri mill-konvenut (fol 186 kaxxa)

g. Kont bankarju intestat konguntivament f'isem il-partijiet (fol. 194) fejn sas-sena 2018 kien jithallas il-beneficcju socjali relatat mat-tfal. F'Jannar 2019 ingibed il-bilanc li kien fih il-kont.

h. Facilita ta' *overdraft* intestata konguntivament f'isem il-partijiet (fol. 201) illi f'Jannar 2015 kien hemm bilanc fin-negattiv ta' sitt elef, hames mija u hames euro (€6505). Mtul is-snin jidhru diversi pagamenti li saru permezz ta' cekkijiet kif ukoll depoziti f'dan il-kont biex jibbilancjaw. Il-Qorti tinnota li fil-15 ta' Jannar 2019 sar gbid minn din il-facilita ta' hamest elef euro (€5000) biex b'hekk il-bilanc dovut f'Gunju 2020 tela' ghal ghaxart elef, mitejn u erba' u erbghin euro fin-negattiv (-€10,244).

i. Kont ghat-tfaddil intestat f'isem l-konvenut (fol. 231 kaxxa) fejn regolarment kienu jsiru depoziti kif ukoll jithalsu l-obbligi finanzjarji bhal *standing orders* u l-kontijiet tal-utilitajiet. F'Awissu 2020, dan il-kont kellu bilanc ta' mitejn u euro (€201).

j. Kont kurrenti ntestat f'isem il-konvenut (fol. 262) li fih thallas il-beneficcji socjali. F'Novembru 2020 kien fih bilanc ta' disa' mija tnejn u erbghin euro (€942).

k. Kont bankarju iehor f'isem il-konvenut (fol. 284A) li fih jidhru li kienu jigu depozitati cekkijiet relatati mas-servizzi tal-konvenut. Regolarment kien ikun hemm gbid ta' hames mitt euro(€500) kull darba minn ATMs qabel il-proceduri odjerni. L-ahhar gbid li sar f'dan l-ammont kien fl-10 ta' Jannar 2019, tlett jiem  biss qabel ir-rapport tal-attrici li wassal ghal bidu tal-proceduri odjerni (13 ta' Jannar 2019). Fil-15 ta' Jannar 2019 jidher ukoll trasferiment lil NG fl-ammont ta' elf u hames mitt euro (€1500). Il-bilanc f'dan il-kont f'Awissu 2020 kien biss ta' mitejn u euro (€201).

l. Facilita tal-VISA Gold ntestata f'isem il-konvenut BG.

9) *Ix-xhieda ta' Malcolm Ciantar, fl-irwol tieghu ta' CEO tal-Malta Taxi Association,* Ix-xhud ikkonferma li l-intimat BG huwa registrat mal-assocjazzjoni izda x-xhud ma kienx f'pozizzjoni jaghti aktar informazzjoni dwar l-introjtu tal-intimat stante li s-sistema gewwa l-ajruport taqsam id-dhul f'persentagg li jmur ghall-assocjazzjoni u 'l bqija li jmorru ghand ix-xufier partikolari. Xoghol iehor jithallas direttament u unikament ix-xufier.

10) *Ix-xhieda ta' Karen Cremona, in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Transport f'Malta,* Ix-xhud xehdet li l-attrici ghandha *tag* ta' xufier ta' vetturi zghar. L-intimat ghandu *tag* registratha fuqu ta' LPTV (*light passenger travel vehicle)* u tat-taxi. Ix-xhud ukollipprezentat rendikont tal-vetturi registrati fuq isem l-intimat. Skont tali rendikont, l-intimat ghandu seba' (7) vetturi registrati fuq ismu.

11) *Ix-xhieda ta' RPC 3058 Jesmond Saliba, in rapprezentanza tal-Ufficju tal-Ghassa taz-Zurrieq,* Ix-xhud ezebixxa d-dokumenti segwenti:

a. Rapport datat 18 t'April 2020 maghmul mill-attrici MG fejn irraportat li l-intimat ma kienx hallas il-manteniment kif ordnat minn din il-Qorti ghax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2020. Meta gie mitkellem l-intimat mill-Pulizija, l-intimat stqarr li l-avukat tieghu kien talab il-kont bankarju tal-attrici izda dan kien ghadu ma giex mghoddi. *Di piu'* l-attrici kellha ammont sostanzjali ta' flus x'taghtih u ghalhekk setghet isir tpaccija.

b. Rapport datat 19 ta' Jannar 2020 maghmul mill-attrici MG fejn irraportat li l-intimat ma kienx hallas il-manteniment kif ordnat lilu minn din il-Qorti ghax-xahar ta' Dicembru 2019. L-intimat kien wiegeb lill-Pulizija li hu ma kienx ircieva notifika ta' tali digriet ta' manteniment.

c. Rapport datat 13 ta' Jannar 2019 maghmul mill-attrici. Dan ir-rapport kien infetah mill-Pulizija stazzjonat gewwa Mater Dei li kienet giet rikoverata mara li kellha griehi minhabba argument familjari. Membri tal-Korp tal-Pulizija mill-Ghassa taz-Zurrieq marru jassistu lil din il-mara li rrizulta li kienet l-attrici, MG . L-attrici rraportat li l-intimat ried ikollu x'jaqsam maghha sesswalment u hi ma ridetx. Huwa beda jtiha bil-ponn u bis-sieq ghaliex kienet irrifjutat. MG giet iccertifikata li kellha griehi ta' natura hafifa. L-intimat cahad li hu kien refgha jdejh fuq martu izda qal li meta

marret tigbor xi hwejjeg taghha, hija kienet nesiet basket warajha li fih it-tifla l-kbira tal-partijiet kienet sabet eluf ta' flus kontanti. Bint il-partijiet giet mitkelma mill-Pulizija u haddiem socjali fejn bdiet tibki u tghid li kellha tixhed kontra ommha ghax kienet tibza' minn missierha imma fil-verita' kellha xi tghid kontra missierha mhux kontra ommha. Fuq il-baskett hija qalet li mhux minnu li ommha kienet insietu imma li missierha kien beda jigbidha minnu sakemm hadulha. Bint il-partijiet, NG, zvelat li missierha kien refgha jdejh fuqha. Minhabba l-bizgha li NG semmiet, l-intimat kien gie arrestat mill-Pulizija.

d. Kopja tal-fedina penali tal-attrici li hija wahda nadifa (fol. 163)
e. Kopja tal-fedina penali tal-intimat (fol. 164) li turi li l-intimat kellu s-segwenti ksur ta' ligi: kien kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied fid-19 ta' Lulju 1991; ksur tal-paci pubbliku b'ghajjat f'Mejju 1995; nstab hati li ikkaguna griehi ta' natura hafifa lil terz fl-10 t'Ottubru 1996; ntab hati li kien qal kliem oxxen u ndicenti fil-pubbliku fl-10 t'April 1997; nstab hati li kien naqas milli jixghel il-*meter* tat-taxi waqt li kien xoghol fis-16 t'Ottubru 1997; ntab hati li kien ikaguna griehi ta' natura gravi fuq terz fis-7 t'April 1998; nstab hati li ikkaguna grievi gravi fuq terz nhar it-30 t'April 2009.

12) *Ix-xhieda ta' Addison Bonnici, in rapprezentanza ta' Carini Stores Ltd.,* (fol. 194) fejn ix-xhud ezebixxa zewg (2) kopji ta' fatturi li juru x-xiri ta' kamra tal-banju u ta' madum fis-sena 2016 liema fatturi huma fuq l-isem tal-intimat.

13) *Ix-xhieda ta' Fr Noel Vassallo in rapprezentanza tal-Arcidjocezi ta' Malta,* Ix-xhud ezebixxa kopja ta' *tender* li kien hareg u li l-intimat kien applika ghalih izda sussegwentement ma kienx iffirma l-kuntratt.

14) *Ix-xhieda ta' Dr Demi Agius, fl-irwol ta' External Legal Advisor ta' Mater Dei Hospital,* Ix-xhud ezebiet rendikont tal-permessi ghad-dfin li nhargu lill-intimat (fol. 200). Il-Qorti tara li matul is-sena 2017, l-intimat inghata sebgha u tmenin (87) permess, fis-sena 2018 inghata tmenin (80) permess; fis-sena 2019 inghata sitta u sittin (66) filwaqt li fis-sena 2020 inghata hamsa u sebghin (75) permess ghad-dfin.

15) *L-affidavit ta' Dr Daphne Mallia, in rapprezentanza tal-MAPFRE MSV Life p.l.c. debitament mahluf nhar it-30 ta' Marzu 2021* (fol. 204 et seq.) li permezz tieghu

ezebiet kopja tat-tlett (3) poloz t'assikurazzjoni li l-partijiet ghandhom ma' tali socjeta. Il-partijiet kellhom polza ta' assikurazzjoni kongunta bejn il-konjugi li bdiet f'Lulju 2013 u li mmaturat f'Lulju 2024; polza ta' assikurazzjoni kongunta ohra li bdiet f'Lulju 2013 u ghandha timmatura f'Lulju 2029 u polza ta assikurazzjoni bhala pensjoni privata li nbdiet f'Dicembru 2020 u timmatura f'Dicembru 2038.

16) *Ix-xhieda ta' Herman Depasquale, fl-irwol tieghu ta' accountant,* Ix-xhud ezebixxa l-formoli tad-dhul li ssottometta l-intimat mal-awtorita' tat-taxxa ghas-sena 2017 fejn iddikjara profitt fis-sena 2016 ta' elfejn, tmien mija tlieta u sebghin euro (€2,873). Ghas-sena 2018, gie dikjarat komplessiv bejn il-partijiet ta' hdax-il elf, sebgha mija u erbghin euro (€11,740) li minnhom, ghaxart elef, mija sebgha u hamsin euro (€10, 157) kien profitt tal-intimat. Fil-formola tas-sena 2019, l-intimat iddikjara telf ta' disa' mija u erbghin euro (€940)[1]. Fis-sena 2021, l-intimat iddikjara profitt ta' elf, mitejn u disa' euro (€1,209) (fol. 261).

17) *Ix-xhieda ta' Anthea Borg, fl-irwol taghha ta' counsellor fil-Kullegg ta' San Benedittu,* li nghatat waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2021 (fol. 265). Ix-xhud zammet sessjonijiet mal-minuri KG, bint il-partijiet, fiz-zmien meta l-partijiet kienu qed jisseparaw. It-tifla kienet pengiet qawsalla bil-kuluri ghaliex meta kienu qed jinzammu s-sessjonijiet, il-minuri kienet qed thossha kuntenta li ma kienetx ghadha qed tara lill-ommha u lill-missierha jiggieldu.

18) *Ix-xhieda ta' Maria Jones, fl-irwol taghha ta' anti-bullying guidance teacher gewwa il-Kullegg San Benefittu* li nghatat waqt is-seduta tat-28 t'Ottubru 2021 (fol. 268). Ix-xhud qalet li fis-sena 2018, il-minuri iben il-partijiet kien qed ikun aggressiv fil-klassi u ma' ohtu u ghalhekk kien hemm bidla fl-imgieba tieghu. Kien imur ghas-sessjonijiet kull hmistax matul is-sena skolastika. It-tifel kien qed juri din l-imgieba peress li dak iz-zmien il-genituri tieghu kienu ghaddejjin minn separazzjoni u t-tifel kien qieghed ihoss in-nuqqas ta' missieru. Kien ikkalma meta bdew il-vizti ma' missieru u fil-perjodu tas-seduta kien jinsab kalm. Il-minuri jsemmi' incidenti li esperjenzaw hutu l-bniet izda jaghzel li ma jiddeskrivix x'kienu

---

[1] Dan minkejja li minn fol. 201 jidher li l-intimat f'dik is-sena inghata tmenin (80) permess ta' dfin

dawn peress li hu ma kienx prezenti. Tghid li l-minuri jsibha difficli jesprimi l-emozzjonijiet tieghu u ghalhekk jesperjenza frustrazzjoni kbira. It-tifel esprima ukoll inkwiet li ma kienx qed jiehu hsieb iz-ziemel u l-hanzira taghhom kif suppost u jinkwieta hafna fuq x'ser jahsbu n-nies fuqu. Fuq mistoqsija ta' din il-Qorti, ix-xhud qalet li l-missier ma ghamel l-ebda kuntatt maghha izda lanqas hi ma ghamlet kuntatt mieghu stante li hi m'ghandiex bzonn kunsens tieghu ghal dawn is-sessjonijiet. Ix-xhud semmiet li t-tifel hassu ahjar meta l-access mal-missier beda jsir minghajr moniteragg ghax setgha jkellmu b'aktar liberta', Huma jitkellmu fuq is-sajd, fuq iz-zwiemel u wara t-tifel ihoss importanza li jitkellem fuq il-hin tieghu ma' missieru. Kemm-il darba esplorat fejn il-minuri jixtieq jirrisjedi fis-sessjonijiet taghha mieghu u l-minuri jghid li hu jixtieq jibqa' jirrisjedi ma' ommu ghax toffrilu aktar stabbilta'. Ix-xhud hasset li kellha tindirizza certu zvelar tat-tifel ma' ommu u dan taghmlu bil-permess tieghu bhal per ezempju l-glied m'ohtu l-kbira minhabba li dan iwassal ghal hafna aktar aggressivita' fit-tifel. Fuq dan tkellmet mal-omm biss ghax taf li l-minuri l-kbira tal-partijiet tkun biss mal-omm.

19) *__Nota b'kopja ta' messaggi__* (fol. 339 et seq.) li giet intavolata mill-attrici li permezz taghha ezebit (i) ritratt ta' messaggi mibghuta mill-intimat lil binhom fejn l-attrici qed tigi mxebha ma' hmar (fol. 340), (ii) messagg mibghut mit-tifel fejn qed jinforma lill-missieru li jista' joqghod mieghu tmiem il-gimgha kollha u l-intimat iwiegbu li sinjal li ma jriduhx (fol. 341), (iii) messaggi mibghuta mill-konvenut fejn qed jinforma lit-tifel li lest izommu dejjem u li nefaq somma flus fil-Qrati biex ikun jista' jzommu (fol. 342), (iv) messagg fejn il-missier jghid lill-minuri biex jissaporti s-swat fuqu imma ma jsawwatx hu ghax hekk jirbhu (fol.343), (v) messaggi mibghutha lit-tifel fejn qed jigwidah jghid lil Ms Jones li hu jobdi lill-missieru (fol. 344), u (vi) messagg mibghut lill-minuri fejn il-konvenut jghidlu li kien ghadu kemm hareg minghand il-Pulizija minhabba ommu wara li l-minuri staqsih x'kien gara (fol. 345), (vii) messaggi mibghutha mit-tifel fejn qed jghid lill-missieru biex jghid lill-Qorti li qed isawtuh u joffenduh u l-konvenut jistaqsih jekk kienx qal lil Ms Jones (fol. 346), (viii) messagg fejn il-konvenut jistaqsi lit-tifel jekk kienux dahlu l-flus fil-mobile tieghu li kien bghatlu (fol. 347), (ix) messagg fejn il-konvenut jinforma lill-minuri li kien qaleb il-mobile tal-minuri fuq kuntratt (fol. 348), (x) messagg fejn il-konvenut jistaqsi lill-minuri jekk iridx xi haga partikolari li ma tohrogx mill-messaggi ezebiti u meta l-minuri jistaqsih kemm hu l-oggett iwiegbu li l-flus mhux problema (fol. 349), (xi) ritratt ta' mazz flus u rizla tas-

sigaretti (fol. 350), (xii) messaggi mibghutha mill-konvenut imma mhux indikat lil minn fejn il-konvenut bghatt ritratt ta' mazz flus f'idejh (fol. 351), (xiii) ritratt ta' messagg li intbaghat mill-konvenut fejn jidher li hu messagg mibghut mill-avukat tal-omm fuq li l-minuri jinsab fi kwarantina (fol. 352).

20) *Nota b'numru ta' dokumenti kif isegwi;*

a. Valutazzjoni tal-proprjeta' gewwa Triq Massabielle, il-Qrendi rilaxxata mill-Perit Joe Formosa li tistabilixxi l-valur tal-proprjeta' ghal dak ta' hamsa u erbghin elf euro (€45,000) tenut kont illi l-istrutturi li hemm gewwa din l-art, qieghdin hemm b'mod illegali (fol. 415)

b. Valutazzjoni tal-proprjeta' gewwa Triq il-Kbira, Zurrieq rilaxxata mill-Perit Joe Formosa li tistabilixxi l-valur tal-proprjeta' ghal dak ta' madwar hamsa u erbghin elf euro (€45,000), (fol. 420)

c. Spejjez relatati mal-istimi pprezentati fl-ammont ta' mija u disghin euro (€190) skont fattura rilaxxata mill-Perit Joe Formosa (fol. 427)

d. Xhieda tal-wild NG fil-proceduri kriminali (fol. 428) fejn iddikjarat li fit-tnax ta' Jannar 2019 kienet harget mal-hbieb taghha fil-ghaxija u kienet bghatitilha messagg ommha li kienet l-isptar. Hi kienet sabet mod kif marret hdejh u ratha bid-dmija fuq mohha. Meta marret lura d-dar, missierha kien mar fil-kamra tas-sodda taghha u kien qalilha li kien kecca lill-ommha mid-dar ghax haseb li kellha wicc lil haddiehor. L-ghada filghodu missierha qajjimha sabiex ifittxu l-passaporti biex jitilqu minn Malta. Il-minuri bdiet tfittex mieghu izda ma sabithomx. Wara kienu hargu jfittxu lill-omm izda ma kienux sabuha z-Zurrieq. Ftit wara l-Omm kienet irritornat gewwa d-dar matrimonjali u l-genituri tax-xhud kienu bdew jargumentaw. Missierha kien imbutta lill-ommha t-tarag ghal isfel. Hi kienet baqghet fuq ma' hutha izda imbaghad nizlet warajhom. Hemm hekk rat li kienu qed jargumentaw ghaliex missierha kien sabilha ammont ta' flus kontanti fil-basket taghha. Ommha kienet telqet 'il barra u missierha ried li jmorru l-ghassa biex jirraporta li ommha kienet serqitlu l-flus. Meta kienu l-ghassa staqsewha

jekk ridetx taghti l-verzjoni taghha u hemm hi kienet qaltilhom li hi kienet tigi msawta minn missierha wkoll. Meta x-xhud giet mistoqsija fuq episodji ohra, hija xehdet li kien hemm gurnata f'Settembru 2018 illi missierha kien taha daqqa ta' ponn fuq xuftejha ghaliex kienet insiet titma' lit-tigieg qabel marret ghax-xoghol. Kien hemm gurnata ohra fejn ma kienux ghalfu lill-annimali u missierha kien sawwat lill-ommha u lilha meta kien wasal lura d-dar. Ticcara li meta qalet li ggara lill-ommha t-tarag, huwa kien imbuttaha biex taqa' imma ommha kienet zammet ghalhekk ma kienetx waqghet. Semmiet zewg episodji fejn darba missierha kien sawwat lill-ohtha minhabba li kienet bdiet twerzaq ghax rat wirdiena u darb'ohra kien ser jwadbilha dulliegha u sikkina minhabba li ridet bicca ohra. In kontroezami, ix-xhud xehdet li meta missierha kien gie arrestat, hija kienet marret titrasferixxi xi flejjes mill-kont bankarju ta' missierha ghal fuqha. Tghid li hafna mill-argumenti li kien hemm ma' missierha kienu minhabba guvni li kienet tohrog mieghu u hu ma kellux grazzja mieghu. Waqt dawn l-argumenti, kien jerfa' jdejh fuqha li anke hargilha d-demm minn imnehirha.

e. Kopja ta' messaggi fejn il-minuri DGstaqsa lill-ommu jekk jistax imur Baystreet u din qaltlu le u ritratt biex turi li l-minuri xorta wahda mar

f. Affidavit ulterjuri tal-attrici debitament mahluf nhar it-8 ta' Gunju 2022 li permezz tieghu l-attrici xehdet li wara li s-supervizjoni tal-access waqfet, il-minuri biddel l-attitudni tieghu lejha. Dan minhabba li l-konvenut beda jghid kontriha mieghu u jtih hafna flus kontanti x'jonfoq. Dan wassal ghal hafna dizgwid bejn l-ahwa minhabba li ohtu t-tewmija thoss li qed tigi trattata b'mod differenti. Xehdet ukoll illi wara l-access, il-minuri kien qed imur lura b'riha qawwija ta' sigaretti minkejja li jbati bi problemi ta' sahha. Xehdet illi l-konvenut kien xtara zewg *ponies* lit-tifel u hallihom fl-ghalqa quddiem id-dar taghhom. Kien hemm dizgwid bejniethom u anke skambjament ta' ittra legali minhabba l-fatt li kien qed ikun hemm hafna hmieg taghhom u ilma ghaddej u anke harbu mill-ghalqa aktar minn darba. It-tifel tal-partijiet tefgha l-attenzjoni tieghu fuq dawn iz-zwiemel tant li waqqaf attivitajiet extrakurrikulari biex joqghod maghhom u qed jitlef l-attenzjoni minn fuq l-iskola. Madanakollu l-intimat ma kkooperax maghha.

g. *Sentenza moghtija nhar it-2 ta' Gunju 2022 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali* fejn l-attrici giet liberata minn akkuzi migjuba kontra taghha dwar li ghamlet qliegh b'qerq ghad-dannu tal-intimat (fol. 457).

21) <u>*Ix-xhieda tal-konvenut BG, in subizzjoni*</u>, moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Gunju 2022 quddiem din il-Qorti (fol. 471 et seq.) Ix-xhud qal li qabel il-pandemija tal-COVID-19 huwa kien jahdem kemm bhala *undertaker* kif ukoll bhala xufier bit-taxi. Generalment kien ikollu introjtu ta' tlett elef euro (€3000) fix-xahar minkejja li dan l-introjtu kien ivarja hafna bejn is-Sajf u x-Xitwa. Waqt il-pandemija huwa ma hadimx u wara rega' beda jahdem biss bhala xufier. Kellu arrangament ma' kuginuh illi hu jahdem bil-vettura taxi tieghu u jtih nofs il-qliegh li kien jaghmel izda spejjez kollha ghalih. Xehed illi bejn wiehed u iehor kien jaqla' mal-elf euro (€1000) fix-xahar. Jghid li gie mkecci minn xogholu tal-funerali izda wara jispecifika li hadd ma gieghlu jieqaf; hu ghadu qed jipprova jaghmel dan ix-xoghol liema xoghol batta hafna minhabba li m'ghadux ikun fid-dar fejn kienu isibuh in-nies. Qabel is-separazzjoni kien jahdem bejn ghaxar u tnax-il funeral fix-xahar u kien idahhal mal-elf u nofs (€1500) ghal kull funeral. Xehed li issa sahhtu m'ghadhix tippermettilu jinzel fl-oqbra u ghalhekk il-kuntratt li ghandu mal-Kappillan qed jahdmu terz minghajr ma jtih ebda kumpens. Ilum-il gurnata hemm negozju iehor jopera bl-istess isem minghajr ma ntalab ebda permess, il-probabilta' hija li dan in-negozju tiggestih l-attrici.

L-intimat gie mistoqsi fuq iz-zwiemel li xtara lil ibnu u hu xehed li ma hasx li kellu bzonn il-kunsens ta' martu biex jixtrihom u jhallihom fl-ghalqa li hemm mad-dar matrimonjali minhabba li dan kollox ghadu tieghu wkoll. Xehed illi t-tifel waqaf mill-futbol minhabba li mugugh f'irkoptu u mhux minhabba z-zwiemel. Kien anke hadu ghand tabib minhabba dan l-ugigh, minghajr ma talab il-kunsens jew informa lill-attrici. Huwa xehed li widdeb lill-minuri sabiex l-ewwel jaghti l-attenzjoni lill-iskola. Mistoqsi fuq is-servizzi tat-telefonija gewwa d-dar matrimonjali, l-intimat wiegeb illi meta kien mar biex jiehu hwejgu bil-Pulizija, huwa ma hax dawn l-affarijiet. Wara talabhom permezz ta' ittra legali izda ma nghatawlux. Wara xi sena, l-attrici riedet tghaddilu l-kaxxa tramite l-konsulent legali taghha izda l-konvenut

ma accettax ghaliex il-pagamenti kienu akkumulaw sa dak iz-zmien u ma hassx li kellu jbatihom hu meta kien staqsa ghalihom sena qabel.

22) *Rapport maghmul mal-Pulizija datat 11 ta' Jannar 2023* (fol. 528) li permezz tieghu l-attrici rraportat l-incident bejn uliedha li wassal sabiex il-minuri DG gie rikoverat gewwa l-Isptar Monte Karmeli.

**Il-Verzjoni tal-Konvenut u l-Provi Mresqa Minnu:**

Il-konvenut BG xehed fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2023 fejn xehed li l-gurnata ta' qabel kien cempillu t-tifel DGbiex imur isalvah. Hu mar hdejh dritt mix-xoghol u sab infermiera u pulizija mieghu. Qallu li kien telgha fuq isajjar ghax lilu ma kienetx sajritlu ommu. Ohtu KG kieneu bdiet targumenta mieghu u iggieldu. Semma' li l-komportament tat-tifel huwa minhabba tlett irgiel li jkunu d-dar, tnejn minnhom jahseb li qieghdin f'relazzjoni mal-omm filwaqt li t-tielet wiehed huwa l-gharus ta' ohtu. Il-minuri kien qallu li fil-Milied kienu hargu mas-sieheb tal-omm li jdejqu ghax joqghod jikmandah u ried jaqilbu minn fuq l-irdum ghal isfel.
Il-konvenut xehed li wara li t-tifel rah tabib, qalulu li kellhom bzonn izommuh il-lejl l-isptar. Fl-ebda hin ma ra lill-attrici l-isptar ghax lanqas hwejjeg ma gabet lill-minuri u kellu jtih l-uniformi tieghu. Il-minuri baqa' jibghat messaggi lill-ommu izda din baqghet ma wegbitux anzi bdiet twiegbu ohtu l-kbira. Il-missier staqsa lill-infermiera biex tkellem lill-Omm izda ma kelmitix quddiemhom.

Il-konvenut xehed illi l-minuri ma qalux x'kien gara izda jaf li fil-granet ta' qabel kien qed imur il-gym u ghaliex l-attrici ma kienetx qed tigbru minn hemm, kien qed jirritorna d-dar lura bir-rota bl-gharaq mieghu. Din kienet ir-raguni ghalfejn kien qed jimrad u taqbdu s-soghla.
Muri r-ritratti li gew ezebiti mill-attrici, il-konvenut spjega illi d-debba kienet mietet ghaliex kienet marida bl-istonku. Il-*pony* abjad miet ghaliex dawwar saqajh go habel li kien ghamel DGu wehel fih.
Il-konvenut BG iddepona fis-seduta quddiem din il-Qorti ta' nhar id-19 ta' Gunju 2023 (fol. 570). Il-konvenut xehed illi l-kontendenti kienu ltqaghu fi stabbiliment tad-divertiment fl-1999 u wara xi sentejn izzewgu. Il-problemi bejniethom bdew wara t-twelid tat-tewmin. Lilu kienet tghidli li ma tridx ikollha x'taqsam mieghu ma jmurx

terga' tinqabad b'tewmin ohra izda imbaghad sar jaf li kienet qed taghmel vidjos oxxeni u tibghathom lil terzi. Lilu kien bghathomlu certu wiehed Raymond Briffa li kienet iltaqghet mieghu fil-kunsill tal-iskola. Fis-sena 2018 hu kellu bzonn jaghmel operazzjoni f'widnejh u minflok daret bih, siefret mal-bniet. Lit-tifel tal-partijiet hallietu mieghu u kuljum kien ikollu jiehdu mieghu l-isptar sakemm jignhata l-medicina gol-vina.

L-attrici kienet tohrog ma' hbiebha kull xahar u hu kien jitlef ix-xoghol u jibqa' d-dar mat-tfal. Kienet tirritorna fis-sieghat bikrin ta' filghodu.

Jghid illi kien ircieva telefonata minghand RB li kien qallu biex iwaqqaf lill-mara tieghu milli ttella' l-*videos* fuq is-siti socjali. Kien dan B li kien qallu li hu u l-attrici kellhom relazzjonijiet sesswali u kienu jmorru flimkien fil-villegjatura li l-partijiet kellhom ix-Xghajra u anke r-Rinella. Dan B kien cempillu ghaliex l-attrici kienet fiz-zmien tat-telefonata bdiet tohrog ma' ragel iehor izghar minnu u cjoe certu MS. Il-konvenut kien sar jaf ukoll minghand it-tfal li l-attrici kellha relazzjoni wkoll ma' wiehed Germaniz li kien jitkellem bl-Ingliz. Il-konvenut jghid illi l-attrici kienet dejjen innegat li hi kienet f'relazzjoni ma' haddiehor.

Il-konvenut jghid illi qabel il-proceduri huwa kien jaghmel diversi xogholijiet u ghalhekk kellu introjtu ta' bejn erbgha (4) u hames (5) elef euro fix-xahar. Ilum hafna mix-xoghol ma jistax jaghmlu minhabba l-izgumbrament u s-sekwestru li dar kontrih u ghalhekk l-introjtu tieghu nizel ghal bejn elf u nofs u elfejn euro (€1500-2000). Matul iz-zwieg, il-mara ma kienetx tahdem imma kienet tiehu hsieb lit-tfal tal-partijiet.

Il-konvenut xehed illi waqt li kien arrestat, hu gie misruq madwar ghaxart elef euro li kienet *bankdraft* li kellhom il-partijiet. Ingibdu l-maggoranza tal-flus filwaqt li elfejn u hames mitt euro (€2500) daru fuq it-tifla l-kbira tal-partijiet izda l-konvenut ibblokkahom tramite intervent tal-bank.

Il-konvenut xehed kif missieru kien ghaddielu l-fond matrimonjali u l-garaxx ta' biswit l-istess fond permezz ta' donazzjoni. Il-partijiet kienu xtraw l-ufficju taz-Zurrieq minn fejn il-konvenut kien jopera n-negozju tieghu. Kienu wkoll xtraw dar faccata tal-fond matrimonjali. L-ufficju taz-Zurrieq kellu access ghalih terz bl-isem ta' AM, li kien jarma quddiem il-hanut bil-vann tal-haxix. Dan kien jaccedi l-ufficju ghall-bzonnijiet naturali tieghu. Aparti mill-proprjeta immobbli, il-konvenut u ohtu kienu xtraw qabar bi shab. Il-*boathouse* li kienu juzaw fis-sajf kienet b'kirja li l-attrici kienet tiehu hsieb thallas.

Il-konvenut xehed illi kien hareg digriet tal-Qorti li hu setgha jmur id-dar jigbor l-affarijiet tieghu inkluz il-kompjuter li fuqu kellu l-informazzjoni kollha relatata max-

xoghol tieghu u l-files bil-kuntratti. Dawn ma nghatawx lilu u lanqas lill-ohtu meta marret ghalihom hi. Kien talab il-kaxxa tas-servizz tal-*Go p.l.c.* minhabba li kien hemm kont ta' hames mitt euro (€500) relatat ma' dan is-servizz. Il-kaxxa ma nghatatx lilu qabel sentejn wara.

Fuq it-tfal il-konvenut jixhed li kellu relazzjoni tajba mat-tlett itfal tieghu u kienu dejjem jigru mieghu specjalment meta kien johrog biz-zwiemel. Meta l-kbira ghalqet is-sittax (16)-il sena bdiet tohrog ma' wiehed barrani u l-partijiet it-tnejn ma riduhiex tkompli mieghu. Hu kien argumenta mat-tifla u qabadha minn xagharha. Il-mara kienet marret taghmel rapport l-ghassa li dan il-barrani kien ittanta lit-tifla taghha. Waqt funeral li hadem, il-konvenut kien sar jaf li dan il-barrani kien involut fid-drogi u kellu anke proceduri l-Qorti ghalhekk kien rega' kellem lit-tifla imma din kienet baqghet tohrog mieghu xorta wahda bil-mohbi, sakemm gara l-incident ta' Jannar 2019 u l-minuri ma baqghetx tkellem aktar lill-missierha. It-tifla t-tewmija ma tkelmux lanqas, kien ra tistenna l-karozza tal-linja u kien offrilha li jwassalha izda ma ridetx tkelmu. Xehed li l-minuri t-tifel huwa abbandunat minn ommu izda lilu l-entitajiet ma jtuhx informazzjoni ghax m'ghandhux kura u kustodja tieghu. Sal-gimgha ta' qabel id-depozizzjoni cemplu lill-konvenut mill-ghassa ghaliex il-minuri kien barra fix-xita minghajr cavetta ghad-dar matrimonjali.

Il-konvenut kompla jiddeponi fis-seduta tat-8 ta' Frar 2024 fejn anke pprezenta zewg settijiet ta' imagini. Set minnhom juru lill-partijiet u lit-tfal tal-partijiet felici flimkien qabel is-separazzjoni. Il-konvenut pprezenta set ta' ritratti li ha minn fuq is-sit socjali ta' bintu minuri fejn juru lill-istess minuri bi ftit hwejjeg u l-istess minuri tpejjep u tivvapja minkejja li ghadha taht l-eta'.

Il-konvenut xehed illi fis-sajf precedenti kien ircieva telefonata mit-tifel biex imur ghalih ghaliex kien sawtu l-gharus tat-tifla l-kbira. Hu mar ghalih u sabu barra mal-attrici fejn bdiet izzommu biex ma jmurx ma' missieru. Il-konvenut hadu l-ghassa u c-Centru tas-Sahha ghax kellu t-tbengil fuq sidru. Minn hemm sar rapport u hemm proceduri pendenti fil-konfront tal-gharus tat-tifla.

Il-konvenut xehed li t-tfal kienu jhobbu jqattghu hin mieghu gol-garaxx flimkien mal-annimali. Jghid illi t-tifla tewmija kien ikollha tigiega fil-pram minflok pupa u kienu jhobbu joqghodu jaghmlu xahar iz-ziemel. Kien jehodhom ukoll it-tigrijiet taz-zwiemel il-Marsa minghajr l-attrici, kull hmistax. Ilum-il gurnata ilu erbgha (4) snin ma jkellem lit-tewmija u ma jircievi l-ebda informazzjoni relatata mal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri. Hu jibghat lit-tifel tal-partijiet sabiex ikellem lill-ommu izda dan jirrifjuta ghaliex dejjem jiggieldu.

Il-konvenut qal li kellu rapport mad-Dipartiment ghas-Sahha tal-Annimali u anke ghamlu spezzjoni gewwa l-garaxx fejn sabu kollox kif suppost.

Sabiex jikkorrobora l-verzjoni tieghu, l-konvenut ressaq is-segwenti provi:

1) *Kopja informali tal-Kuntratt ta' bejgh tal-qabar fic-cimiterju tal-Parocca tal-Qrendi ppubblikat in atti tan-Nutar Dr Joseph Lia* nhar l-24 ta' Settembru 2003 (fol. 508). Il-konvenut u ohtu Marbeck u l-konjugi rispettivi taghhom dehru fuq il-kuntratt u xtraw il-qabar imsemmi ghall-ammont ta' tmien mitt lira maltin (£m800).

2) *Ix-xhieda ta' Dr Lorraine Azzopardi, ossia l-psikjatra tal-minuri,* li xehdet b'mod virtwali. Il-psikjatra xehdet li meta dahal l-Isptar Monte Karmeli dahal taht il-kura taghha. Madanakollu ma kellux bzonn kura akuta u ghalhekk l-ghada li dahal, gie rilaxxat. Mal-psikjatra huwa ammetta illi meta qal il-kliem li kien ser iwegga' lilu nnifsu kien agixxa b'mod impulsiv imma filfatt qatt ma kellu l-intenzjoni li verament iwegga' lilu nnifsu. Il-psikjatra ma osservatx sintomi ta' dipressjoni. Tal-eta' tieghu jekk minuri ma jkunx jaf jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu, aktarx li n-nuqqas ta' kontroll ikun gej minn problemi fil-familja. Meta giet biex tirrilaxxah, il-psikjatra vverifikat u kienet certa li l-minuri kien kuntent li jmur lura d-dar ghalkemm meta kien l-isptar kien wera x-xewqa li jmur ghand missieru. Meta kien l-Isptar Mater Dei it-tifel kien tkellem ukoll ma' Dr Giovanni Grech.

3) *L-affidavit ta' AM, debitament mahluf nhar it-28 ta' Gunju 2023* (fol. 587) li permezz tieghu kkonferma li x-xhud kien lest li jiehu hsieb hu l-annimali li kellu fil-kura tieghu iben il-partijiet u anke jissorvelja l-kura li t-tifel kien qed jaghti lill-istess annimali.

4) *Ix-xhieda ta' Paul Micallef, in rapprezentanzat tal-Environmental Health Directorate*, moghtija fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2023 (fol. 590) fejn xehed illi kienet saret spezzjoni wahda (1) fil-proprjeta' tal-partijiet f'Settembru 2022 mill-Ispettur Doreen Agius.

5) *Ix-xhieda ta' Matthew Grech, in rapprezentanza tas-servizz tal-Youth-in-Focus fi hdan il-Fondazzjoni ghas-Servizzi tal-Harsien Socjali* moghtija fis-seduta tal-§4 ta' Novembru 2023 (fol. 592). Huwa kien zamm tlett (3) sessjonijiet ma' iben il-

partijiet sabiex jifhmu ghaliex kien hemm imgieba mhux xierqa mill-istess minuri. Il-minuri qieghed jinghata attenzjoni mix-xhud bhala Haddiema Socjali, kif ukoll minn terapista li tahdem mal-familji, u cioe Catherine Aquilina. Il-minuri kien rezistenti li jahdem ma' terapista mara izda meta ltaqa' maghha, jidher li l-andament kien wiehed pozittiv izda ma kienx ghad hemm impenn mill-minuri li jkompli bis-sessjonijiet. Ix-xhud qal li l-minuri ghandu fih certu rabja izda ghadu ma kellux bizzejjed zmien biex jevalwa minn fejn hi gejja. L-informazzjoni dwar l-imgieba tat-tifel kienet qed tasallu mill-genituri, l-aktar l-omm li kienet qaltlu li l-minuri kien aggressiv u vjolenti lejha.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba ingurji gravi, eccessi, u, mohqrija, theddid u sevizzi. Illi bl-istess mod l-intimat fir-risposta guramentata u kontro-talba tieghu jsostni illi kienet l-attrici li rrendiet il-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti impossibbli stante li l-istess konvenuta hija hatja ta' adulterju u offizi gravi.

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge".[2] Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."[3]***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

---

[2] Fadda giurisprudenza, Art. 150, Para. 214.

[3] Trattato teorica pratico di diritto civile delle persone Vol. IV, Para. 35.

***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri ghal ghand il-familjari taghha ghal flus jew ghal stratagemmi bhal ma jidher li wettqet l-attrici, jammonta ghall-eccessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodici Civili.***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."[4] Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".[5] Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja insopportabbli huma ritenuti mid-dottrina bhal sevizzi.***

Jinsab ritenut illi:

***Mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghal sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li maghmula ripetutament u abitwalment, iweggghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: " Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversion verso chi commette tali atti. [PA Camilleri Utrinque 16 ta' Marzu 1898]***

[4] Giuseppa Agius vs Pacifico Agius deciza nhar l-10 ta' Dicembru 1951, Qorti tal-Appell.
[5] Trattato teorica pratico di diritto civile delle persone Vol. IV.

***Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:***

> ***Dan il-komportament abitwali b'referenza ghal vjolenza fizika u morali da parti tal-intimat li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala sevizzi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra da nil-fatt li da nil-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti da nil-komportament ta' zewgha, filwaqt li minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat- tfal taghhom jattira fil-konfront tal-intimat l-a-pplikazzjoni tal-Artikolu 48 (1)(a)(c)(d) tal-Kodici Civili.***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-imsijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:***

> ***L-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom.***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018***, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendih hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f'artikolu 38 jistipula:

> ***Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża

fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

> ***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacificu fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu."***

**Ikkonsidrat:**

Fil-fehma tal-Qorti, l-imgieba tal-intimat kontra r-rikorrenti jissarrafu fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala persuna mizzewga ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili u huma tali li jattiraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 ai termini talArtikolu 51 tal-Kodici Civili, u ghalhekk qed jigu applikati l-effetti imsemmija f'dana z-zewg artikoli hekk kif mitlub mir-rikorrenti.

***Manteniment***

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax***

***jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet zzewgu fit-28 ta' Mejju tas-sena 1999, kif jirrizulta ic-Certifikat taz-Zwieg *a fol 5* tal-atti, wara madwar sentejn gherusija. Kellhom flimkien wild u wara snin jippruvaw, kellhom imbaghad tewmin. L-attrici tghid li z-zwieg tkisser minhabba l-aggressivita' u l-vjolenza tal-intimat u llum ilhom diversi snin jghixu separatament, anke wara li harget Ordni ta' Protezzjoni u Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-intimat. Il-Qorti tinnota li fil-mori tal-proceduri, il-wild il-kbira tal-partijiet, NG, lehqet l-eta' ta' maggorenni u ghalhekk mhix suggetta ghall-awtorita' tal-genituri taghha.

***<u>Dwar ir-responsabbilta' tat-tifrik taz-zwieq</u>***

Fil-proceduri odjerni, il-partijiet ipprezentaw verzjonijiet opposti dwar x'wassal ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet. L-attrici taghti rendikont dettaljat tal-abbuz li soffriet minghand l-intimat, kemm hi kif ukoll uliedha l-bniet. Din il-verzjoni giet sostanzjalizzatha permezz ta' provi dokumentarji bhar-rapporti tal-Pulizija **u aktar b'sahhithom minn hekk, is-sentenzi tal-Qrati b'kompetenza kriminali.** Min-naha l-ohra l-intimat jichad li kien vjolenti mal-attrici u mat-tfal izda jghid li z-zwieg tkisser minhabba relazzjonijiet adulteri tal-attrici u jsemmi l-irgiel b'isimhom. Madanakollu **din il-verzjoni ma gietx sostanzjalizzatha bl-ebda mod** – la bi provi dokumentarji bhal ritratti jew imqar il-video li jghid li nbaghat lilu minn MS, lanqas gab provi okkulari bhal xhieda li rawha ma' dawn l-irgiel.

Din il-Qorti ghalhekk tqis il-verzjoni tal-attrici bhala wahda aktar verosimili ghal verita'. Din il-Qorti ssibha difficli temmen li l-konvenut ma kienx vjolenti mal-attrici u, jew mal-minuri meta hemm rapporti mal-Pulizija, proceduri u sentenza kriminali fil-konfront tieghu u dan meta fil-kamp penali, il-livell ta' provi jrid ikun wiehed li ma jhallix dubju ragjonevoli fil-mohh tal-gudikant. Din il-Qorti taghmel taghha l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali meta qalghet li harsa lejn il-fedina penali tal-konvenut twassal ghal konvinciment li l-konvenut huwa bniedem aggressiv. Minflok tghallem mill-proceduri kriminali li kellu fil-passat, jidher li l-konvenut addotta l-istess attegjament anke mal-membri tal-familja tieghu. Din il-Qorti ssibha difficli mmens temmen li l-minuri bniet ma jridux jkollhom kuntatt ma' missierhom jekk mhux ghax esperjenzaw vjolenza minnu u li NG xehdet b'konsistenza liema bhalha quddiem il-Qorti Kriminali. Anke l-fatt li l-minuri DG kien fil-mori tal-proceduri odjerni jezebixxi aggressivita', impulsivita' u vjolenza, juri li l-minuri gie espost ghal tali vjolenza u li ma tghallimx mod iehor kif jagixxi ghajr li jkun aggressiv.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tqis li l-konvenut kien hati ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet.

***Dwar l-aspetti relattivi ghall-minuri***

Din il-Qorti rat illi l-attrici baqghet tinsisti san-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi l-konvenut jigi zvestit mill-awtorita' ta' genitur tieghu fuq uliedu izda imbaghad tissottometti li taqbel li l-kura u kustodja tal-minuri DGtkun wahda kongunta. Il-Qorti tibda billi tispecifika li dawn huma sottomissjoni konfliggenti. Jew l-attrici ser titlob li l-konvenut jigi zvestit mill-awtorita' ta' genitur tieghu u ghalhekk ma jkunx meqjus denju bhala genitur; jew se taqbel mieghu fuq il-kura u kustodja tal-minuri DG, u ghalhekk biex jibqa' vestit bil-kura u kustodja necessarjament ghandu jibqa' vestit bl-awtorita' ta' genitur.

Tenut kont tal-izviluppi fir-realta' tal-minuri matul il-proceduri odjerni u cjoe li l-minuri DGbaqa' konsistentement jghid li jrid jmur jirrisjedi ghand missieru tant li f'mument ta' impuslivita' hedded li jwegga' lilu nnifsu jekk ma kienx se jmur ghand missieru. Tenut kont tal-fatt li l-partijiet stess ftehmu u qablu li l-minuri ghandu jibda jirrisjedi ghand missieru f'Ottubru 2023 u ghalhekk ilu issa 'l fuq minn sena jirrisjedi ghandu. Tenut kont li f'din l-ahhar sena ma ngiebu ebda incidenti ulterjuri a konjizzjoni ta' din il-Qorti fir-rigward tal-minuri DG, din il-Qorti tqis illi l-minuri DG jinsab aktar kuntent jirrisjedi ma' missieru u ghaldaqstant tordna li r-residenza primarja ta' DG tkun ma missieru. Bl-istess manjiera l-Qorti tordna li r-residenza primarja ta' KG tkun ma' ommha l-attrici.

Din il-Qorti taghmilha cara li mhux sitwazzjoni felici jew komda ghaliha li tippermetti li minuri jibqa' 'il boghod minn wiehed mill-genituri tieghu. Ghalhekk jkun fl-interess tal-istess minuri li jsir sforz mill-genituri entrambi sabiex tinghata terapija u l-ghajnuna necessarja sabiex il-minuri jghelbu l-passat u jkollhom xi forma ta' relazzjoni mal-genitur li ma jirresjedux mieghu.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti tqis li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa' kongunta bejn il-partijiet anke minhabba l-fatt li, ghalkemm mhux legalment korrett, l-iskola tla-minuri rrifjutaw li jaghtu informazzjoni lill-konvenut fuq il-minuri meta ma kienx vestit bil-kura u kustodja tal-istess ulied. Din il-Qorti ghalhekk tafda l-kura u kustodja taz-zewg tewmin minorenni konguntivament f'idejn il-partijiet b'dan li l-genitur li mieghu l-minuri ghandu r-residenza primarja ghandu l-awtorita' jiehu jew tiehu dawk id-decizjonijiet ordinarji fit-trobbija tal-wild li mieghu/ maghha tirresjedi.

Tenut kont tal-isforz li sar fil-mori tal-proceduri sabiex ikun hemm avvicinament bejn it-tewmien u l-genitur li mieghu ma jirrisjedux, liema sforz ma hallix rizultati pozittivi, din il-Qorti tqis li m'ghandiex tiffissa access ghal genituri ghal wild li mhux fil-kura taghhom. Izda din il-Qorti tordna li l-ulied minuri tal-partijiet jinghataw terapija psikologika sabiex jigu ndirizzati l-wegghat tal-minuri bit-tama li jkun jista' jkun hemm xi tip ta' access fil-futur mal-genitur li l-minuri mhumix jirresjedu maghhom. Meta tali terapista tirrakomanda li l-minuri jkunu fi stat emottiv li jippermettilhom jaghmlu kuntatt mal-genitur l-iehor, din il-Qorti tordna li t-terapista tirilaxxa ittra ta' din ir-rakkomandazzjoni u d-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal ghandu jipprovdi access that supervizjoni jew moniteragg ghal perjodu ta' zmien, skont ir-rakkomandazzjoni tal-professjonista.

Fir-rigward ta' manteniment, din il-Qorti tara li l-wild il-kbira NG ilum maggorenni u ma ngiebet l-ebda prova li din il-wild qieghda tistudja fuq bazi *full-time.* Min-naha l-ohra l-minuri KG tirrisjedi mal-attrici omm filwaqt li l-minuri DGjirrisjedi mal-konvenut u t-tnejn  ghandhom erbatax (14)-il sena. Din il-Qorti tghaddi sabiex tiffissa manteniment ghaz-zewg ulied fl-ammont ta' tlett mitt euro (€300) liema manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlqu l-eta' ta' tmintax-il sena jew sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jibqghu jistudjaw fuq bazi *full-time* jew sakemm itemmu l-istudji taghhom skont liema kundizzjoni tavvera ruhha l-ewwel. Tali manteniment ghandu jithallas fl-ewwel gurnata ta' kull xahar u ghandu jixdied skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Kemm-il darba xi hadd mill-minuri ma jibqghux jirrisjedu mal-genitur li mieghu jew maghha qieghdin jirrisjedu fil-prezent, dan il-manteniment ghandu jithallas direttament lill-minuri miz-zewg genituri. Inoltre l-genitur li mieghu jew maghha qieghdin jirrisjedu l-genituri ghandhom jkunu responsabbli mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri fil-kura taghhom.

Fl-ahharnett fuq dan l-aspett, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi z-zewg genituri intilfu f'sens ta' pika sfrenata bejniethom matul il-proceduri li waslet biss ghal hsara fuq il-minuri. L-attrici kompliet san-nota ta' sottomissjonijiet taghha tipponta subbghajha biss lejn il-konvenut u tghid li l-minuri DGm'ghamilx avvanz meta mar jirrisjedi mal-missier ghaliex spicca jpejjep u jixrob l-alkahol. Bir-rispett kollu izda dan japplika wkoll ghaliha ghaliex anke l-minuri KG li tinsab taht il-kura taghha spiccat tpejjep, tivvejpja, tohrog bi ftit hwejjeg u tattendi diskos minkejja li ghadha taht l-eta'. Dan juri li z-zewg genituri tilfu l-kontroll ta' uliedhom tant kemm kienu mghomja fil-

pika ta' bejniethom. Ikun aktar ta' gid ghall-minuri illi l-partijiet ihallu warajhom id-differenzi ta' bejniethom u jigbdu l-istess habel fejn jidhlu l-minuri.

Din il-Qorti tara wkoll illi l-attrici resqet talba sabiex il-konvenut jivversa manteniment ghaliha. Din il-Qorti kkunsidrat illi gie ppruvat illi matul iz-zwieg tal-partijiet, l-amministrazzjoni tal-flus u tal-kontijiet bankarji kienu f'idejn l-attrici. L-attrici xehdet illi kienet tghin lill-konvenut fil-kontijiet u l-amministrazzjoni tan-negozju tieghu. Il-konvenut ikkonferma illi l-attrici kienet tamministra l-flus u l-files tal-kontijiet, tant li baqa' kollox ghandha wara li gie zgumbrat. Din il-Qorti rat illi matul is-snin kien ikun hemm gbid tal-flus mill-kontijiet bankarji b'mod regolari u li filfatt minhabba f'hekk il-bilanci fil-kontjiet kollha kienu minimi. Bl-introjtu li l-attrici xehdet li kien ikollu l-konvenut, il-bilanci minimi fil-kontijiet mhumix konsistenti u ma joffrux sostenn ghal tali tezi. Din il-Qorti temmen anke mill-provi dokumentarji ezebiti illi l-konvenut kellu l-introjtu li inghad li kellu qabel il-proceduri u ghalhekk temmen li l-flejjes ma kienux jinzammu l-bank imma kienu jinzammu b'mod kontanti, aktarx ghand l-attrici. In fatti meta l-attrici habtha u sabtha nqala' l-argument u giet imkecciha mid-dar matrimonjali mill-konvenut f'Jannar 2019, hija kellha ammont sostanzjali ta' flus kontanti li kienet ippreparat biex tiehu maghha. *Di piu'* minkejja l-avvenimenti trawmattizzanti li kienu ghaddejjin minnhom tant li l-attrici spiccat rikoverata l-isptar, imkeccija mid-dar u l-konvenut spicca arrestat, ir-reazzjoni tal-attrici kienet li taghti struzzjonijiet lil bintha l-kbira biex tmur tigbed il-flus halli allegatament ikollhom fuq xiex jghaddu. Din il-Qorti tirrikonoxxi li l-attrici ma nstabetx hatja ta' serq ta' flus izda tirrikonoxxi wkoll li fil-kamp penali l-gudikant irid ikollu quddiemu provi 'l hinn minn kull dubju ragjonevoli. Ghal dawn ir-ragunijiet u anke ghal fatt li l-attrici fethet negozju bl-istess isem u bl-istess skop bhal dak li l-konvenut kien ilu snin jiggestixxi, din il-Qorti tqis li m'ghandhiex tordna l-hlas ta' manteniment ghaliha stante li llum il-gurnata ghandha dhul decenti minn dan in-negozju.

***<u>Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti</u>***

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha fil-25 ta' Novembru 2020 li permezz taghha giet imwaqfa l-komunjoni tal-akkwisti viddistrictenti bejn il-partijiet

u ghalhekk sejra tghaddi sabiex tillikwida u tassenja l-propjeta' li kienet parti mill-komunjoni ta' matul iz-zwieg u ta' waqt il-proceduri sas-sena 2020.

Din il-Qorti tara illi l-attrici ssottomettiet fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi hi mhux tikkontesta li l-fond matrimonjali u l-garaxx huma propjeta' parafernali tal-konvenut. Madanakollu matul iz-zwieg kienet inxtrat kamra tal-banju ghal valur ta' elf u disghin euro (€1090).

L-attrici tissottometti illi l-konvenut ma kienx oggezzjona li hi u l-minuri jibqghu jirrisjedu fil-fond matrimonjali sabiex joffri lill-minuri stabbilta'. Minn dik l-oggezzjoni ‘l hawn, il-fatti nbiddlu. Wiehed mill-minuri llum jirrisjedi mal-konvenut. L-istess minuri li ilu snin jiehu hsieb l-annimali li qieghdin fil-garaxx jew fl-ghalqa biswit id-dar. Minhabba li l-attrici tirrisjedi fid-dar matrimonjali u stante l-fatt li kien hemm Ordni ta' Protezzjoni, il-konvenut dahal f'obbligu ma' terz, AM, sabiex dan imur jghalef u jissorvelja lill-minuri DGmal-annimali. Ladarba hemm qbil li l-propjeta' hija parafernali u l-minuri DGqieghed jirrisjedi mal-konvenut, ikun aktar logiku illi l-konvenut u l-minuri DGjirrisjedi fil-fond matrimonjali b'access dirett u liberu ghall-annimali skont il-bzonn. Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda takkorda sena mid-data ta' din is-sentenza sabiex l-attrici isib residenza alternattiva ghad-dar matrimonjali u f'gheluq is-sena ghandha tivvaka minn tali residenza. Din il-Qorti tordna illi f'gheluq is-sena l-fond gewwa l-Qrendi m'ghandux jibqa' jitqies bhala d-dar matrimonjali b'dan li l-konvenut ikun jista' jbiddel is-serraturi minghajr ebda konsegwenzi penali.

Min-naha l-ohra din il-Qorti ma tistax taghti xi tip ta'impressjoni li min hu hati ta' vjolenza ma jbatix is-sanzjonijiet li hemm fl-artikolu 48 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant sabiex tilhaq kompromess bejn l-interessi kollha ta' ulied il-partijiet, kemm-il darba l-attrici tidhol f'kirja sabiex hi tkun tista' tohrog mill-fond matrimonjali, il-konvenut ghandu jhallas terz (1/3) minn tali kirja bhala kontribut lejn ir-residenza ta' uliedu l-bniet.

Fir-rigward tal-kontijiet tal-ARMS, din il-Qorti tikkunsidra illi l-konvenut zied l-annimali ghall-ibnu fis-sena 2022 minghajr ebda komunikazzjoni, diskussjoni jew kunsens tal-attrici. Hu stess ammetta li ma hassx il-bzonn illi jitlob il-kunsens tal-attrici meta din kienet ghada martu, ghad responsabbli daqsu mill-komunjoni tal-akkwisti u

responsabbli mit-trobbija tal-ulied. Dan l-agir huwa wiehed deporabbli. Anke biss biss sabiex jghaddi messagg pozittiv lill-uliedu, specjalment lil DG, imissu tkellem mal-attrici u mhux jaqbad u ihalli hemm annimali li jirrikjedu kura u flus! Ghaldaqstant il-kont mal-ARMS fl-ammont ta' erba' mija tmienja u hamsin euro u hamsin centezmu (€458.50) ghandu jithallas esklussivament mill-konvenut filwaqt li l-kontijiet sussegwenti ghandhom jithalsu f'ishma ndaqs mill-partijiet.

Fir-rigward tal-vetturi li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, din il-Qorti rat il-provi li ngiebu sabiex l-attrici ppruvat li l-konvenut ghandu registrat fuqu numru ta' vetturi li nxtraw waqt iz-zwieg minghajr ebda self. Din il-Qorti taqbel mal-attrici li trid tigi kkumpensata b'nofs il-valur tal-vetturi skond il-valur moghti mill-kumpanija assikurativa. Madanakollu tqis illi l-valuri li taghmel referenza ghalihom l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u cjoe dawk indikati fid-dokumenti pprezentati mix-xhud tas-socjeta' assikurattiva jirrisalu ghas-sena 2021. Ghalhekk sabiex din il-Qorti tkun gusta maz-zewg partijiet, irid jitqies li fi trapass ta' tlett snin, il-valur tal-vetturi kollha naqas. Ghalhekk din il-Qorti sejra tnaqqas il-valur pretiz mill-attrici b'disa' fil-mija (9%) rapprezentanti nuqqas fil-valur ta' tlieta fil-mija (3%) ghal kull sena. **Ghalhekk, il-konvenut irid jghaddi l-ammont ta' hamsa u tletin elf u seba' mija u sbatax-il euro (€35,717.50) rapprezentanti sehem l-attrici mill-valur tal-vetturi.**

Min-naha l-ohra ma giex ipprezentat il-valur tal-vettura Mercedes Benz minhabba 'l mod ta' kif din kienet assikuratha. Ghalhekk il-partijiet ghandhom iqabdu *surveyor* sabiex jistma l-vettura skont il-valur tas-suq liberu tal-ilum u sussegwentement il-konvenut ghandu jghaddi nofs dak l-ammont lill-attrici bhala ekwiparazzjoni ta' sehemha. Fin-nuqqas ta' dan, l-vettura ghandha titpogga ghal bejgh u r-rikavat jinqasam nofs bin-nofs. Kemm-il darba l-partijiet ma jaqblux fuq l-istima tas-*surveyor* maghzul minn parti, il-parti l-ohra ghandha ssib *surveyor* tal-fiducja taghha u l-medja tal-valuri ghandha tittiehed bhala l-valur li fuqu jrid jinhadem is-sehem tal-attrici.

L-ghalqa maghrufa bhala "tal-Gnien sive tal-Gwiegen" gewwa l-Qrendi ghandha tigi assenjata lill-konvenut stante l-prossimita' taghha ghad-dar matromonjali b'dan li l-konvenut irid jixtri sehem l-attrici. Giet ipprezentata fl-atti tal-proceduri valutazzjoni tal-proprjeta' rilaxxata mill-Perit Joe Formosa li tistabilixxi l-valur tal-proprjeta' ghal dak ta' hamsa u erbghin elf euro (€45,000) tenut kont illi l-istrutturi li hemm gewwa din l-art, qieghdin hemm b'mod illegali (fol. 415). Tenut kont li l-art tizdied bejn u

iehor bil-hamsa fil-mija (5%) kull sena, il-valur ta' din l-art ghandu jittiehed bhala li hu ta' disgha u erbghin elf u hames mitt euro (€49,500) u **ghalhekk is-sehem li jrid jithallas lill-attrici bhala ekwiparazzjoni jkun dak ta' erba' u ghoxrin elf, seba' mija u hamsin euro (€24,750).** Kemm-il darba l-konvenut ma jridx li jixtri sehem l-attrici, din l-ghalqa ghandha titpogga ghal bejgh fuq is-suq liberu u r0rikavat mill-bejgh taghha ghandu jinqasam f'ishma ugwali bejn il-partijiet.

L-istess qed jigi ordnat li jsir fir-rigward tal -proprjeta' gewwa Triq il-Kbira, Zurrieq, li minn valutazzjoni rilaxxata mill-Perit Joe Formosa, liema valutazzjoni ma kienetx kontestata mill-konvenut, gie stabbilit l-valur tal-proprjeta' ghal dak ta' madwar hamsa u erbghin elf euro (€45,000), (fol. 420). **Bl-istess mod, il-konvenut ghandu jew ihallas ekwiparazzjoni ta' erba' u ghoxrin elf, seba' mija u hamsin euro (€24,750)** jew din il-propjeta' ghandha titpogga ghal bejgh fuq is-suq liberu u r0rikavat mill-bejgh taghha ghandu jinqasam f'ishma ugwali bejn il-partijiet.
Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi fejn kien jaqbel lill-attrici u cjoe ghall-propjeta', l-attrici ssottomettiet li ghandha tingieb stima gdida minhabba t-trapass taz-zmien imma fejn kien kontra l-interessi taghha u cjoe ghal vetturi, ma giex sottomess l-istess ragunament. Hawn fejn il-Qorti tara nuqqas ta' maturita' fil-hsibijiet tal-partijiet.

Fir-rigward tal-qabar li nxtara bi shab ma' oht il-konvenut, din il-Qorti tordna li l-konvenut jottjeni valutazzjoni tal-qabar fil-prezent u jaghti bhala ekwiparazzjoni ta' sehem l-attrici, nofs tali valur. Stante li l-konvenut irid jara jekk hux se jixtri sehem l-attrici mill-proprjetajiet ukoll, il-Qorti qed takkorda perjodu ta' tlett (3) snin sabiex il-konvenut ihallas lill-attrici sehemha mill-valur ta' dan il-qabar.

L-attrici resqet il-pretensjoni li l-konvenut jigi ordnat ihallas l-kont pendenti mal-Go p.l.c.. Mill-provi quddiemha din il-Qorti jirrizultalha illi l-konvenut talab il-kaxxa tal-Go p.l.c. meta mar jigbor l-affarijiet tieghu mid-dar matrimonjali u din ma nghatatx lilu. Din il-kaxxa giet offruta lilu sentejn wara, wara li l-kont pendenti baqa' jakkumulha. Ghalhekk il-konvenut ma accettax li jiehu din il-kaxxa lura. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici tissottometti li hi kienet talbet lill-konvenut sabiex jiffirmalha sabiex il-kont mal-Go p.l.c. jdur fuqha. Din l-informazzjoni la harget fl-affidavits taghha, la fix-xhieda taghha u lanqas fil-kontroezami tal-konvenut. Din mhix ghajr sitwazzjoni ohra ta' pika sfrenata bejn il-partijiet. L-attrici xorta wahda nstallat servizz alternattiv ghalhekk ma kellhiex bzonn sentejn biex igib il-kaxxa lill-konvenut.

Min-naha l-ohra l-konvenut dejjem setgha intavola rikors sabiex jissalvagwadja l-interessi tieghu b'mod ahjar. Stante li z-zewg partijiet setghu agixxew b'aktar maturita', din il-Qorti qed tordna li dan il-kont jigi saldat zewg terzi mill-attrici u terz mill-konvenut.

Fir-rigward tal-poloz mal-MSV Lifs p.l.c. l-attrici tat rendikont fin-nota ta' sottomissjonijiet li jirrifletti l-provi mresqa (fol. 671). Stante li l-konvenut ma ntavolax nota ta' osservazzjonijiet da parti tieghu u ghalhekk m'hemmx oggezzjoni jew provi kuntradittorji ghall-verzjoni tal-attrici, din il-Qorti tghaddi biex tiddividi u tassenja l-poloz kif jinghad mill-attrici u cjoe:

(i) S-*single premium plan* bil-polza numru FP 480962 ghandha tigi likwidata u moghtija lil bint il-partijiet NG.

(ii) Il-*comprehensive flexi plan* bil-polza numru FP480093 ghandha tigi likwidata u l-flus li jinghataw ghandhom jinqasmu bejn it-tewmin fi kwoti ndaqs bejniethom meta dawn jghalqu l-eta' ta' tmintax-il sena.

(iii) Il-Pension Plan bin-numru FP554218 ghandha titqies bhala esklussiva tal-attrici.

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji, din il-Qorti tordna illi dawk il-kontijiet bankarji ntestati ghan-nom tal-minuri ghandhom jibqghu f'isem l-minuri rispettivi. Il-kontijiet intestati f'isem il-partijiet ghandhom jibqghu propjeta' esklussiva tal-partijiet minghajr ebda ekwiparazzjoni. Kontijiet kongunti ghandhom jinghalqu; jirrizulta lil din il-Qorti mill-provi prodotti li mhemmx bilanci x'jinqasmu minn dawn il-kontijiet. Jifdal biss l-facilita' tal-*overdraft*. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-verzjonijiet tal-partijiet dwar il-gbid li sar minnha f'Jannar 2019, hadet in konsiderazzjoni l-konkluzjoni tal-Qorti b'gurisdizzjoni kriminali kif ukoll l-ammissjoni tal-attrici u x-xhieda ta' NG. Tifhem li dan l-'overdraft' ghandu jintuza ghall-gestjoni tan-negozji tal-intimat u ghaldaqstant ghandu jithalla mizmum.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni ghar-ragunijiet gravi u tortijiet**

**unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza domestika, abbuz, theddid, ingurji gravi, servizzi u minaccji li r-rendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibli;**

2. **Tichad it-tieni talba attrici;**

3. **Tichad it-tielet talba attrici;**

4. **Tilqa' limitatament ir-raba' talba u tiffissa manteniment ghaz-zewg ulied tewmien fl-ammont ta' tlett mitt euro (€300) liema manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlqu l-eta' ta' tmintax-il sena jew sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jibqghu jistudjaw fuq bazi full-time jew sakemm itemmu l-istudji taghhom skont liema kundizzjoni tavvera ruhha l-ewwel. Tali manteniment ghandu jithallas fl-ewwel gurnata ta' kull xahar u ghandu jixdied skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Kemm-il darba xi hadd mill-minuri ma jibqghux jirrisjedu mal-genitur li mieghu jew maghha qieghdin jirrisjedu fil-prezent, dan il-manteniment ghandu jithallas direttament lill-minuri miz-zewg genituri. Inoltre l-genitur li mieghu jew maghha qieghdin jirrisjedu l-minuri ghandhom jkunu responsabbli mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet estrakurrikulari tal-minuri fil-kura taghhom. Kull genitur ghandu jipercepixxi c-children's allowance fir-rigward tal-minuri li qed jirresjedi mieghu jew maghha;**

5. **Tichad il-hames talba;**

6. **Tilqa' limitatament is-sitt talba u tordna lill-konvenut illi jhallas l-ammont ordnat lilu ta' sitt mija u hamsin euro (€650) permezz tad-digriet tas-6 ta' Dicembru 2019 ghal kull xahar li ma thallasx minn Jannar 2019 sa Dicembru 2019 u cjoe mill-incident li wassal ghat-tifrik taz-zwieg sad-data tad-digriet ta' din il-Qorti;**

7. **Tilqa' s-seba' talba u tordna li l-partijiet jistghu t-tnejn isegwu lill-minuri fl-edukazzjoni u l-attivitajiet estrakurrikulari taghhom. Kemm-il darba l-partijiet jattendu l-attivitajiat tal-minuri, dawn ghandhom izommu 'l boghod minn xulxin u ma jimmolestawx lil xulxin. L-ebda terz li mhux membru tal-familja ma jistax jattendi tali attivitajiet. Il-passaport tal-minuri KG ghandu jinzamm mill-attrici Omm waqt li l-passaport tal-minuri DGghandu jinzamm mill-intimat missier;**
8. **Tichad it-tmien talba;**

9. **Tilqa' d-disa' talba;**

10. **Tastjeni li tiehu konjizzjoni tal-ewwel parti tat-talba stante li din diga' giet deciza minn din il-Qorti. Tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu divizi skont kif provdit din il-Qorti fid-dettall aktar 'il fuq f'din is-sentenza;**

11. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hdax-il talba stante li ma ngiebu l-ebda provi f'dan ir-rigward.**

12. **Tilqa t-talba limitatament u tinnomina lill Dr Stefano Filetti bhala Kuratur ghal iventwalu kontumaci f'kaz li l-propjeta komuni titqieghed ghall-bejgh;**

13. **Tilqa' t-tlettax it-talba u tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl- Artikoli 48 et. Seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tapplika kontrih interament d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

14. **Tilqa l-erbatax-il talba limitatament u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix fid-dar matrimonjali R ad eskluzjoni tal-konvenut ghal perjodu ta' sena kif gie stipulat aktar 'il fuq;**

**15. Tilqa' l-hmistax-il talba u tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha 'C';**

**16. Tilqa' s-sittax-il talba u tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;**

**Ghall-istess motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kontro-talba mresqa mill-konvenut billi:**

1. **Tilqa' limitatament l-ewwel talba, tippronunzja s-separazzjoni personali izda mhux ghar-ragunijiet imsemmija mill-konvenut, izda ghal dawk ir-ragunijiet indikati fl-ewwel decide u tawtorizzah jghix separatament minn martu;**

2. **Tilqa' t-tieni talba;**

3. **Tilqa' limitatament it-tielet talba skont kif provdut aktar 'il fuq f'din is-sentenza;**

4. **Tichad ir-raba' talba;**

5. **Tilqa' l-hames talba;**

6. **Tilqa' limitatament is-sitt talba b'dan li l-attrici ghandha tirrestitwixxi l-uzu u l-pussess tal-propjeta' parafernali tal-konvenut fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza kif fuq indikat;**

7. **Tilqa' s-seba' talba u tordna li l-minuri jinghataw ghajnuna terapewtika kif provdut aktar 'il fuq f'din is-sentenza;**

**L-eccezzjonijiet tal-intimat ghat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-kontro-talba tal-intimat qed jigu milqugha jew michuda kif fuq indikat.**

**L-ispejjez kollha jithallsu terz mill-attrici u zewg terzi mill-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**